



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2015
COM(2015) 497 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Kummerċ għal Kulħadd

Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investment

KUMMERĊ GĦAL KULĦADD

Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investment

Introduzzjoni

1. Il-kummerċ u l-investment huma magni b'saħħithom għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjieg

1.1. Il-prestazzjoni tal-UE fill-kummerċ hija b'saħħitha

1.2. L-aġenda tal-kummerċ u ekonomika tal-UE ssaħħa il-benefiċċji tal-kummerċ

2. Politika effettiva li tindirizza r-realtajiet ekonomiċi ġodda u żżomm dak li twiegħed

2.1. Bi tweġiba għaż-żieda ta' katini ta' valur mondjali

2.2. Il-wegħdiet li jridu jinżammu: l-implimentazzjoni, l-infurzar, negozji żgħar u l-ħaddiema

3. Aktar trasparenza tal-politika tal-kummerċ u tal-investment

3.1. Ħidma aktar mill-qrib mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u s-soċjetà ċivili

3.2. Proċess ta' tfassil ta' politika aktar miftuħ

4. Politika tal-kummerċ u tal-investment ibbażata fuq valuri

4.1. Approċċ li jirreaġixxi iktar għall-aspettattivi tal-pubbliku dwar ir-regolamenti u l-investment

4.2. Aġenda kummerċjali biex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba

5. Programm li jħares 'il quddiem għal negozjati li jsawru l-globalizzazzjoni

5.1. It-tiżiħ tas-sistema kummerċjali multilaterali

5.2. Il-progress tar-relazzjonijiet bilaterali

Konklużjoni

Introduzzjoni

Wara riċessjoni twila u ta' tbatija, l-isfida għall-UE issa hija li tingħata spinta lill-impjiegi, it-tkabbir u l-investment. Il-Kummissjoni poġġiet din fil-quċċata tal-prijoritajiet politiċi tagħha. In-negozju huwa wieħed mill-ftit strumenti disponibbli biex tingħata spinta lill-ekonomija mingħajr ma jintefa' piż fuq il-baġits nazzjonali, bl-istess mod għal riformi strutturali mwettqa mill-Istati Membri kif ukoll il-ħidma mwettqa bħala parti mill-plan tal-investment tal-UE ⁽¹⁾.

L-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tuża l-politika ta' kummerċ u ta' investment biex tikkontribwixxi għal dan l-oġettiv jibbenefikaw il-kumpaniji, il-konsumaturi u l-ħaddiema b'mod indaqs. L-UE hija l-akbar esportatur u importatur ta' prodotti u servizzi meħuda flimkien, l-akbar investitur barrani dirett u l-aktar destinazzjoni importanti għall-investment dirett barrani (IDB). Din l-iskala tagħmel lill-UE l-akbar sieħeb kummerċjali ta' madwar 80 pajjiż u t-tieni l-aktar sieħeb importanti għal 40 oħra. L-UE għandha tuża din is-saħħa għall-benefiċċju kemm taċ-ċittadini tagħha stess u dawk f'partijiet oħra tad-dinja, b'mod partikolari dawk fl-ifqar pajjiżi tad-dinja.

Madankollu, bidliet fil-mod kif taħdem l-ekonomija dinjija jimplikaw mod differenti tat-tfassil tal-politika kummerċjali. Is-sistema ekonomika tal-lum — globali u diġitali fil-qalba tagħha — hija bbażata fuq ktajjen ta' valur internazzjonali li jikunsidraw il-konċezzjoni, id-disinn u l-produzzjoni sseħħ f'serje ta' passi f'ħafna pajjiżi.

Il-politika tal-kummerċ u tal-investment tal-Unjoni Ewropea għandha tkompli tħaddan din ir-realtà, meta wieħed iħares lejn il-modi kollha ta' interazzjoni ma' kumpaniji tal-UE mal-bqija tad-dinja. Servizzi, pereżempju, qed jiġu nnegozjati b'mod dejjem aktar frekwenti bejn il-fruntieri. Huma wkoll interkonnessi b'mod strett mal-kummerċ tal-manifattura tradizzjonali. B'riżultat ta' dan, in-negozju li kull ma jmur qed jiżdied, jinvolvi l-moviment ta' persuni u ta' informazzjoni, mhux biss merkanzija, bejn il-fruntieri. Din tintensifika l-modi li bihom in-negozju jagħti spinta għall-iskambju ta' ideat, il-ħiliet u l-innovazzjoni. Il-politika ta' negozju tal-UE għandha tiffaċilita dan l-iskambju.

Politika ta' negozju effettiva għandha, barra minn hekk, isservi għall-żvilupp tal-politiki barranin usa', kif ukoll għall-oġettivi esterni tal-politiki interni tal-UE, biex b'hekk dawn isaħħu 'l xulxin. L-impatt tal-politika ta' negozju għandha riperkussjonijiet sinifikanti fuq l-pajsaġġ ġeopolitiku — u viċi versa. Barra minn hekk, il-politika ta' negozju, flimkien mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, hija mutur b'saħħtu ta' tkabbir f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. L-UE ser tkompli bl-impenn tagħha fuq l-iżvilupp sostenibbli fil-politiki tal-kummerċ tagħha, tikkontribwixxi għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) globali li għadhom kif ġew miftiehma taħt l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ⁽²⁾. Fl-aħħar nett, il-politika kummerċjali ssaħħa il-funzjonament tas-Suq Intern tal-UE billi tgħaqqad ir-regoli tagħha mas-sistema ta' kummerċ globali.

F'dawn l-aħħar snin, id-dibattitu dwar il-kummerċ ġie intensifikat. Qed jinteressa ruħu fil-politika kummerċjali pubbliku dejjem usa' u ħafna għandhom tħassib dwar kwistjonijiet bħall-protezzjoni regolatorja u l-impatt potenzjali fuq l-impjiegi. Id-diskussjoni ffukat l-aktar fuq is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investment (TTIP). L-enfasi ta' din il-komunikazzjoni tmur lil hinn minn dan u tagħti ħarsa lejn l-aġenda kummerċjali usa' tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-Kummissjoni fasslet konklużjonijiet mid-dibattitu tat-TTIP li huma rilevanti għall-politika kummerċjali usa' tal-UE. Fundamentalment, id-dibattitu saqsa l-mistoqsija: "Għal min hi l-politika kummerċjali tal-UE?" Din il-komunikazzjoni turi li l-politika kummerċjali tal-UE hija għal kulħadd. Hija tfttex li ttejjeb il-kundizzjonijiet għaċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-ħaddiema u dawk li jaħdmu għal rashom, impriżi żgħar, medji u kbar, u l-ifqar nies f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u tindirizza t-tħassib ta' dawk li jħossu li huma affettwati mill-globalizzazzjoni. Filwaqt li l-politika kummerċjali trid tikseb it-tkabbir, l-impjiegi u l-innovazzjoni, hija trid ukoll tkun konsistenti mal-prinċipji tal-mudell Ewropew. Hija fi ftit kliem trid tkun responsabbli. Trid tkun effettiva fit-twassil ta' opportunitajiet ekonomiċi. Trid tkun trasparenti u miftuħa għall-iskrutinju pubbliku. Hija trid tippromwovi u tiddefendi l-valuri Ewropej.

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni "Pjan ta' Investment għall-Ewropa", COM(2014) 903.

⁽²⁾ In-Nazzjonijiet Uniti, "Transforming our world — The 2030 Agenda for Sustainable Development".

1. In-negozju u l-investiment huma magni b'saħħithom għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjieg

1.1. Il-prestazzjoni tal-UE fin-negozju hija b'saħħitha

Il-kummerċ qatt ma kien aktar importanti għall-ekonomija tal-UE. Il-kriżi reċenti għebet għarfien li l-kummerċ jista' jkun forza stabbilizzanti fi żminijiet diffiċli. Meta d-domanda domestika tal-UE kienet dgħajfa, il-kummerċ taħta l-impatt tar-riċessjoni billi ggwidat d-domanda minn ekonomiji li qed jikbru lura lejn l-Ewropa. Il-kummerċ se jkun sors iktar importanti ta' tkabbir fil-futur. Madwar 90 % tat-tkabbir ekonomiku globali fl-10 sa 15-il sena li għejjin huwa mistenni li jkun iġġenerat barra mill-Ewropa. L-irkupru ekonomiku se jkun jeħtieġ li jiġi kkonsolidat permezz ta' rabtiet aktar b'saħħithom maċ-ċentri l-ġodda ta' tkabbir globali.

Il-bejgħ lill-bqija tad-dinja sar sors dejjem aktar sinifikanti ta' impjieg għall-Ewropej. Aktar minn 30 miljun impjieg issa qed jiġi appoġġat minn esportazzjonijiet barra l-Unjoni Ewropea — żewġ terzi aktar minn 15-il sena ilu — jiġifieri l-esportazzjonijiet issa jappoġġaw kważi wieħed minn kull seba' impjieg fl-Ewropa. Dawn l-impjieg jirrikjedu ħliet għoljin u jħallsu aħjar mill-medja. Dawn huma mifruxa madwar l-Istati Membri kollha tal-UE, u huma kemm direttament kif ukoll indirettament relatati ma' esportazzjonijiet barra l-UE. Pereżempju, 200 000 impjieg fil-Polonja, 140 000 fl-Italja u 130 000 fir-Renju Unit huma marbuta ma' esportazzjonijiet Ġermaniżi barra l-UE. Esportazzjonijiet Franċiżi barra l-UE jappoġġaw 150 000 impjieg fil-Ġermanja, 50 000 fi Spanja u 30 000 fil-Belġju. Bħala riżultat, il-benefiċċji tal-kummerċ huma ħafna iktar mifruxa milli ħafna drabi nirrealizzaw ⁽³⁾.

L-esportazzjonijiet jappoġġaw ukoll l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju tal-Ewropa (SMEs). Aktar minn 600 000 SME, li jimpjegaw aktar minn 6 miljun persuna, jesportaw direttament prodotti barra l-UE, li jammontaw għal terz tal-esportazzjonijiet tal-UE. Tali impenn internazzjonali jagħmel dawn il-kumpaniji aktar kompetittivi u jippermettilhom jiddiversifikaw is-swieq. Ħafna aktar jesportaw servizzi jew jesportaw indirettament bħala fornituri ta' kumpaniji ikbar. Hemm iktar li għandhom ambizzjonijiet li jesportaw fil-ġejjieni peress li l-esportazzjoni ta' spiss hija l-aktar mod veloċi biex jikbru u joħolqu l-impjieg.

L-opportunitajiet ta' esportazzjoni huma ta' importanza kruċjali għal setturi li jkun għaddejjin minn bidla strutturali bħal ma huwa s-settur agroalimentari ⁽⁴⁾. Riformi progressivi fil-politika agrikola komuni ppermettew li s-settur isir aktar orjentat lejn is-suq, jikseb il-kompetittività internazzjonali u jirrispondi għal opportunitajiet ġodda tas-suq.

L-importazzjonijiet huma ugwalment importanti. Il-ftuħ tal-ekonomija tal-UE għall-kummerċ u l-investiment huwa sors importanti ta' gwadann fil-produttività u l-investiment privat, li t-tnejn li huma l-UE tassew teħtieġ. Huma jgħibu ideat u innovazzjoni, teknoloġiji ġodda u l-aħjar riċerka. Huma ta' benefiċċju għall-konsumaturi, ibaxxu l-prezzijiet u jwessgħu l-għażliet. Spejjeż aktar baxxi u għażla akbar ta' inputs jikkontribwixxu direttament għall-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE f'pajjiżhom u barra minn pajjiżhom.

B'mod aktar ġenerali, l-iżvilupp ta' katini ta' valur mondjali jenfasizza l-interdipendenza bejn l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. Huwa komunement aċċettat li l-produzzjoni fl-UE hija dipendenti fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u l-materja prima. Iżda ta' spiss jintesa li l-istess jgħodd għal parts, komponenti u oġġetti kapitali bħall-makkinarju. Flimkien, dawn il-prodotti jammontaw għal 80 % tal-importazzjonijiet tal-UE. Dawn huma essenzjali għall-funzjonament tal-ekonomija u l-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE. Is-sehem tal-importazzjonijiet fl-esportazzjonijiet tal-UE żdied b'iktar minn nofs mill-1995.

L-investiment huwa essenzjali. L-investiment endoġenu jgħin lill-kumpaniji Ewropej itejbu l-kompetittività tagħhom. L-investiment esoġenu huwa responsabbli għall-impjieg ta' 7,3 miljun ruħ fl-UE. L-investiment fiż-żewġ direzzjonijiet huwa parti ewlenija tal-infrastruttura li tgħaqqad l-ekonomija Ewropea mal-katina ta' valur mondjali. Il-"Pjan ta' Investiment għall-Ewropa" tal-UE għandu l-għan li jagħti spinta lill-investiment, li fl-2014 kien 15 % inqas mil-livelli ta' qabel il-kriżi. Rekwiżit ewleni huwa li jsir użu aktar intelliġenti ta' riżorsi

⁽³⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-dokument tad-DG Kummerċ "How trade policy and regional trade agreements support and strengthen EU economic performance", Marzu 2015.

⁽⁴⁾ Il-katina tal-provvista tal-ikel fl-UE tipprovdi 47 miljun impjieg, 7 % tal-PDG u aktar minn 7 % tal-esportazzjonijiet tal-prodotti tal-UE.

finanzjarji ġodda u eżistenti. Is-sħab internazzjonali għandhom rwol ewlieni x'jaqdu f'dan il-proċess. Il-politika tal-UE dwar l-IDB għandha tappoġġa dan, b'konformità mal-oġettivi u l-prijoritajiet tal-Ewropa 2020 ⁽⁵⁾.

Il-Kumpaniji tal-UE huma kompetittivi ħafna f'livell dinji. Għalhekk l-UE qiegħda f'pożizzjoni tajba biex tibbenefika minn impenn internazzjonali akbar. Sa mill-bidu ta' dan is-seklu, l-esportazzjonijiet ta' prodotti Ewropej kważi ttriplaw, b'żieda ta' madwar EUR 1,5 triljun. Is-sehem tal-UE tal-esportazzjonijiet dinjija ta' prodotti jibqa' 'l fuq minn 15 % tat-total, li naqas biss bi ftit - minn ftit 'il fuq minn 16 % — mill-bidu ta' dan is-seklu. Dan irid jittqies fil-kuntest taż-żieda taċ-Ċina, li s-sehem tagħha mill-esportazzjoni dinjija ta' prodotti żdied minn 5 % għal aktar minn 15 % fl-istess perjodu. Fid-dawl ta' dan il-fatt, il-prestazzjoni tal-UE hija eċċezzjonali. Hija wkoll aħjar minn ekonomiji paragonabbli. L-Istati Uniti raw is-sehem tagħhom jonqos b'erba' darbiet aktar minn tal-Ewropa f'termini relattivi, u b'hekk huwa inqas minn 11 % tat-total tal-esportazzjonijiet dinjija ta' prodotti, inqas minn iktar minn 16 % fl-2000, fl-istess livell bħal tal-UE. L-istess ġara lill-Ġappun, li s-sehem tiegħu naqas bin-nofs, biex b'hekk naqas minn 10 % għal 4,5 % tas-suq tal-esportazzjoni dinjija ta' prodotti.

1.2. L-aġenda kummerċjali u ekonomika tal-UE ssaħħaħ il-benefiċċji tal-kummerċ

Biex issaħħaħ il-kapaċità tal-UE biex tibbenefika mill-kummerċ u l-investment, il-Kummissjoni żviluppat aġenda bilaterali ambizzjuża li tikkomplementa l-impenn tal-UE lejn l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). L-UE kkonkludiet jew qed tinnegozja ftehimiet ta' kummerċ ħieles bilaterali (FTAs) ma' sħab madwar il-kontinenti kollha⁶. Filwaqt li FTAs fis-seħħ koprew inqas minn kwart tal-kummerċ tal-UE għaxar snin ilu, issa jkopru aktar minn terz tal-kummerċ tal-UE. Dan jista' jilħaq iż-żewġ terzi jekk in-negozjati kollha li għaddejjin bħalissa jiġu konklużi. Din hija bil-bosta l-aktar aġenda tal-kummerċ ambizzjuża fid-dinja tal-lum.

L-FTA bejn l-UE u l-Korea t'Isfel huwa eżempju prim tat-tip ta' ġenerazzjoni ġdida ta' ftehimiet li l-UE tista' tinnegozja u tar-riżultati konkreti li jipproduċu. Huwa l-aktar ftehim kummerċjali ambizzjuż li qatt ġie implimentat mill-UE, billi jelimina kważi 99 % tad-dazji fuq iż-żewġ naħat fi żmien ħames snin u filwaqt li jitratta ostakli mhux tariffarji (ONTs). Dan imur lil hinn mill-FTA bejn l-Istati Uniti u l-Korea. F'erba' snin, l-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti żdiedu b'55 % filwaqt li ġġeneraw EUR 4,7 biljun f'esportazzjonijiet żejda fl-ewwel tliet snin. L-esportazzjonijiet tal-karrozzjoni żdiedu b'aktar mit-tripplu. Id-defiċit kummerċjali tal-UE li ilu jeżisti issa nbidel f'eċċess. Is-sehem tal-UE fl-importazzjonijiet tal-Korea t'Isfel żdied minn 9 % għal 13 %, filwaqt li l-Istati Uniti baqgħu stabbli u l-Ġappun tilef 2 %.

Madankollu, il-politika kummerċjali tista' tgħin biss jekk tkun appoġġata b'riformi domestiċi. Riformi strutturali, inqas burokrazija żejda, aċċess aħjar għall-finanzi u aktar investment fl-infrastruttura, ħiliet u riċerka u żvilupp huma essenzjali biex isaħħu aktar il-kapaċità tal-Unjoni biex tieħu vantaġġ mis-swieq miftuħa. Il-pjan ta' investment tal-UE jiġbor flimkien dawn ir-riformi fil-livell tal-UE u se jagħmel in-negozji Ewropej, b'mod partikolari lill-SMEs, aktar kompetittivi milli huma. Fl-istess ħin, esperjenza riċenti wriet li r-riformi strutturali implimentati mill-Istati Membri wkoll se jissarrfu f'titjib fil-prestazzjoni tal-kummerċ. Is-Semestru Ewropew huwa b'hekk għodda importanti biex jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn il-politiki tal-kummerċ u dawk domestiċi.

2. Politika effettiva li tindirizza r-realtajiet ekonomiċi ġodda u żżomm il-wegħdi tagħha

2.1. Bi tweġiba għaż-żieda ta' katini ta' valur mondjali

Katini ta' valur mondjali tfisser li l-politika tal-kummerċ ma tistax tibqa' tiġi indirizzata minn angolu merkantilista dejjaq. Jekk jogħlew l-ispejjeż tal-importazzjonijiet titnaqqas il-kapaċità tal-kumpaniji li jbigħu fis-swieq globali. L-interdipendenzi jridu jinftehimu aħjar. Ma hemm l-ebda vantaġġ li wieħed jirrikorri għal miżuri protezzjonisti, anke fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi diffiċli tal-lum.

⁽⁵⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Taking stock of the Europe 2020 strategy for smart, sustainable and inclusive growth", COM(2014) 130, 5.3.130.

⁶ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2006/december/tradoc_118238.pdf

Il-politika kummerċjali tal-UE trid issaħħaħ il-pożizzjoni tal-Ewropa fil-ktajjen ta' provvista globali. Trid tappoġġa l-firxa kollha ta' attivitajiet ekonomiċi li permezz tagħhom l-Ewropej jgħid li jgħidli valur. Dan jinkludi l-manifattura ta' komponenti u prodotti finali, li hija essenzjali (?). Jinkludi wkoll is-servizzi, ir-riċerka, id-disinn u l-kummerċjalizzazzjoni, l-assemblaġġ, id-distribuzzjoni u l-manutenzjoni.

Billi adattat għal din ir-realtà, il-politika kummerċjali tal-UE diġà espandiet minn diskussjonijiet tat-tariffa tradizzjonali. Hija tiegħi approċċ olistiku, li jkopri kwistjonijiet essenzjali bħalma huma l-akkwist pubbliku, il-kompetizzjoni, inklużi s-sussidji, jew l-ostakli sanitarji u fitosanitarji (SPS). Dawn jibqgħu essenzjali. L-infiq fuq l-akkwist pubbliku, pereżempju, jammonta għal 15 % sa 20 % tal-PDG dinji. L-investiment fl-infrastruttura u akkwist pubbliku ieħor f'ekonomiji emerġenti u żviluppanti x'aktarx ikunu l-forzi prinċipali għat-tkabbir ekonomiku fis-snin li għejjin. Filwaqt li l-UE progressivament integrat u fetħet is-swieq tagħha, il-kumpaniji tal-UE għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni u restrizzjonijiet barra mill-pajjiż. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi żgurat ambjent ekwu fl-aċċess għas-suq, u dan jista' jinkiseb parzjalment permezz tal-FTAs u n-negozjati dwar l-ażenji ta' pajjiżi ġodda għall-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi tad-WTO (GPA).

Madankollu, il-politika kummerċjali se jkollha tindirizza firxa usa' ta' kwistjonijiet jekk l-UE trid tiżgura postha f'katini ta' valur mondjali. Dan iwassalna sabiex nippromwovu l-kummerċ fis-servizzi, niffaċilitaw il-kummerċ diġitali, nappoġġaw il-mobbiltà tal-professjonisti, nindirizzaw il-frammentazzjoni regolatorja, niżguraw l-aċċess għall-materja prima, niproteġu l-innovazzjoni u niżguraw immaniġġar bla problemi tad-dwana. Strateġija konġunta bejn oqsma differenti ta' politika ekonomika se tkun teħtieġ ukoll li tiżgura ġestjoni responsabbli tal-katini ta' provvista (ara 4.1.1 u 4.2.3) u tindirizza strateġiji tat-trasferiment tal-profitt u evitar tat-taxxa korporattivi aggressivi li jagħmlu użu mill-frammentazzjoni tal-katini tal-valur. Il-Kummissjoni qed tindirizza dan permezz ta' għodod differenti ta' politika. Ftehimiet kummerċjali jappoġġaw sforzi li jippromwovu standards internazzjonali ta' trasparenza u governanza tajba.

2.1.1. Il-promozzjoni tal-kummerċ fis-servizzi

Is-servizzi jirrappreżentaw madwar 70 % tal-PDG u tal-impjiegi tal-UE u huma parti dejjem aktar importanti tal-kummerċ internazzjonali. Fil-passat, il-maġġoranza tas-servizzi setgħu biss jitwasslu lokalment. Din il-ħaġa nbidlet bit-teknoloġija, u l-esportazzjonijiet tas-servizzi mill-UE rduppjaw f'10 snin, sa EUR 728 biljun fl-2014. Barra minn hekk, lil hinn mill-kummerċ tas-servizzi per se, kumpaniji tal-manifattura issa qegħdin dejjem aktar jixtru, jipproduċu u jgħidli servizzi li jippermettilhom li jgħidli l-prodotti tagħhom. Din l-integrazzjoni ta' servizzi fil-proċess tal-manifattura kiber b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin. Is-servizzi issa jiffurmaw kważi 40 % tal-valur ta' prodotti esportati mill-Ewropa. Madwar terz tal-impjiegi ġġenerati minn esportazzjonijiet ta' prodotti manifatturati jinsabu f'kumpaniji li jfornu servizzi awżiljarji bħat-trasport u l-loġistika. Għal tagħmir kumpless bħal magni, turbini eoliċi jew apparat mediku, servizzi bħal installazzjoni, appoġġ, taħriġ u manutenzjoni huma parti mill-pakkett. Ħafna negozji oħrajn, l-assigurazzjoni, it-telekomunikazzjonijiet u s-servizzi tat-trasport huma meħtieġa wkoll.

Iż-żieda ta' servizzi integrati fil-manifattura titlob għal enfasi aktar qawwija fuq il-liberalizzazzjoni tas-servizzi kemm fi ħdan l-UE kif ukoll mal-bqija tad-dinja. Qed isir dejjem aktar importanti li jittejjeb l-aċċess għas-suq għall-manifattura u s-servizzi b'rabta ma' xulxin. Dan ifisser nersqu lil hinn mill-ħsieb tradizzjonali eżemplifikat mill-fatt li l-impenji tal-liberalizzazzjoni tal-prodotti u s-servizzi bħalissa huma trattati separatament f'negozjati kummerċjali. Pereżempju, il-mobbiltà tal-persuni li jipprovdu servizzi tista' tappoġġa l-bejgħ ta' prodotti u servizzi, u l-iffaċilitar tal-kummerċ diġitali u l-flussi tad-dejta tappoġġa kemm kumpaniji tal-prodotti kif ukoll tas-servizzi.

L-iffaċilitar tal-kummerċ fis-servizzi jeħtieġ ukoll ftuħ għall-investiment dirett barrani. Aktar minn 60 % tal-investiment dirett barrani tal-UE huwa marbut mal-kummerċ fis-servizzi. Il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi jeħtieġ li l-kumpaniji jistabbilixxu ruħhom fi swieq barranin sabiex jipprovdu servizzi lil klijenti lokali ġodda. L-istimi tad-WTO juru li żewġ terzi tas-servizzi huma provduti permezz tal-istabbiliment. L-investiment madwar id-dinja jippermetti wkoll lill-kumpaniji tas-servizzi biex joffru soluzzjonijiet globali lill-klijenti fid-dar, filwaqt li jappoġġaw il-konnessjonijiet tal-kumpaniji tal-manifattura u tas-servizzi tal-UE lil katini tal-valur

(?) Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni "Għal Rinaxximent Industrijali Ewropew" COM(2014) 14.

mondjali. In-negozjati tal-UE dwar l-investiment internazzjonali, kif ukoll id-dimensjoni internazzjonali tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, ser jiffaċilitaw dawn ir-rabtiet.

L-UE hija waħda mill-25 membru tad-WTO li qed jinneogzjaw l-ambizzjuż Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi plurilaterali (TiSA). Flimkien huma diġà jammontaw għal 70 % tal-kummerċ dinji fis-servizzi u t-TiSA jista' jsir pass 'il quddiem għas-sħubija tad-WTO sħiħa biex isir progress dwar il-liberalizzazzjoni u r-regoli tas-servizzi, l-irkupru mal-livell ta' liberalizzazzjoni u t-tfassil tar-regoli fi prodotti. Barra minn hekk, in-negozjati li għaddejjin għal Ftehim dwar il-Beni Ambjentali (EGA) fl-aħħar mill-aħħar għandhom jindirizzaw is-servizzi meħtieġa biex dawn il-prodotti jinbiegħu b'mod effettiv lil hinn mill-fruntieri. L-UE pproponiet ukoll li l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA) tad-WTO għandha tiffoka fuq servizzi ta' faċilitazzjoni b'saħħithom għall-kummerċ fil-prodotti.

Fl-istess ħin il-pożizzjoni tal-UE dwar is-servizzi pubbliċi tibqa' ċara. Ftehimiet ta' kummerċ tal-UE ma jipprevjenux u mhux se jipprevjenu lill-gvernijiet, fi kwalunkwe livell, milli jipprovdu, jappoġġaw jew jirregolaw servizzi f'oqsma bħalma huma l-ilma, l-edukazzjoni, is-saħħa u s-servizzi soċjali, u lanqas m'huma ser jevitaw bidliet fil-politika dwar il-finanzjament jew l-organizzazzjoni ta' dawn is-servizzi. Il-ftehimiet tal-kummerċ mhux se jitolbu lill-gvernijiet biex jipprivatizzaw kwalunkwe servizz, lanqas ma huma se jipprevjenu lill-gvernijiet milli jespandu l-firxa ta' servizzi li joffru lill-pubbliku.

Il-Kummissjoni se tagħti prijorità lill-kummerċ fis-servizzi, filwaqt li tfittex eżiti ambizzjużi fin-negozjati tal-kummerċ kollha.

2.1.2. L-iffaċilitar tal-kummerċ diġitali

Ir-rivoluzzjoni diġitali qed teqleb l-ostakli ġeografiċi u d-distanza b'impatt kbir fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet madwar id-dinja. Għall-kummerċ, dan ifisser opportunitajiet ġodda, inklużi għall-SMEs u l-konsumaturi tal-UE, bis-saħħa ta' suq tal-kummerċ elettroniku globali li issa huwa stmat li jiswja aktar minn EUR 12-it triljun⁽⁸⁾. Għalkemm l-ispejjeż ta' konformità ġeneralment huma akbar fil-kummerċ transfruntieri għal kumpaniji iżgħar milli għal kumpaniji ikbar, il-kummerċ elettroniku jfisser li anke negozji onlajn żgħar jistgħu jkollhom aċċess għall-klijenti madwar id-dinja. Bħala l-akbar esportatur tas-servizzi tad-dinja, l-UE qiegħda f'pożizzjoni tajba biex tibbenefika minn dan.

Ir-rivoluzzjoni diġitali fissret ukoll tħassib ġdid dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u tad-dejta personali tagħhom fi ħdan l-UE u internazzjonalment. Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom huma garantiti bis-sħiħ minn qafas legali b'saħħtu għall-protezzjoni tad-dejta⁽⁹⁾. Regoli dwar l-ipproċessar tad-dejta personali ma jiġux negozjati jew milquta minn ftehimiet kummerċjali.

Madankollu, l-ekonomija diġitali tfisser ukoll li tipi ġodda ta' ostakli għall-kummerċ iridu jiġu indirizzati. Xi wħud minn dawn jaffettwaw lill-kumpaniji li jiffokaw speċifikament fuq il-kummerċ permezz ta' mezzi diġitali. Oħrajn jaffettwaw sett ferm usa' ta' kumpaniji. Il-ġabra, il-ħażna, l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta (inkluża dik ekonomika, finanzjarja, statistika u informazzjoni xjentifika) u d-diġitalizzazzjoni saru parti integrali tal-mudelli ta' negozji moderni, inkluż għal kumpaniji tal-manifattura. Dawn huma ċentrali, fil-fatt, għall-iżvilupp tal-katini ta' valur mondjali. B'riżultat ta' dan, il-fluss liberu tad-dejta bejn il-fruntieri sar aktar importanti għall-kompetittività Ewropea b'mod ġenerali. Il-kooperazzjoni regolatorja, ir-rikonoxximent reċiproku u l-armonizzazzjoni tal-istandards huma l-aħjar għodod biex jindirizzaw l-isfidi tal-ekonomija diġitali.

L-istrateġija tas-suq uniku diġitali (DSM)⁽¹⁰⁾ tindirizza ħafna minn dawn il-mistoqsijiet fi ħdan l-UE. Madankollu, il-kumpaniji Ewropej għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti madwar id-dinja, bħal regoli mhux trasparenti, interferenza mill-gvern, lokalizzazzjoni mhux ġustifikata tad-dejta u ħtiġijiet tal-ħżin tad-dejta. Is-sigurtà tad-dejta hija essenzjali għall-kumpaniji kollha li jimmaniġġaw id-dejta. L-infrastrutturi diġitali, il-kriptaġġ u l-istandards komuni huma wkoll importanti għall-katini ta' valur monjdali u għalhekk jappartjenu

⁽⁸⁾ UNCTAD, Information Economy Report, 2015.

⁽⁹⁾ Proposta għal regolament dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali) (COM(2012) 11).

⁽¹⁰⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa", COM(2015) 192.

wkoll fil-mandat tal-politika kummerċjali. Barra minn hekk, xi wħud mill-azzjonijiet ewlenin tad-DSM, bħall-inizjattiva tal-"Cloud Ewropea" u r-riforma tad-drittijiet tal-awtur għandhom dimensjoni internazzjonali li tista' tiġi indirizzata fi ftehimiet kummerċjali.

L-għan tal-UE għandu jkun il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali, flimkien man-nondiskriminazzjoni u n-nuqqas ta' ħtiġijiet ta' lokalizzazzjoni tad-dejta mhux ġustifikati. L-Ewropa għandha tippromwovi dan l-għan f'fora bilaterali, plurilaterali u multilaterali.

Il-Kummissjoni ser tfitx li tuża l-FTAs u t-TiSA biex tistipula regoli għall-kummerċ elettroniku u l-flussi transfruntieri tad-dejta u tindirizza forom ġodda ta' protezzjoniżmu diġitali, f'konformità sħiħa ma' u mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tad-dejta tal-UE u r-regoli tal-privatezza tad-dejta; kif ukoll

2.1.3. L-appoġġ tal-mobbiltà u l-indirizzar tal-migrazzjoni

Il-moviment temporanju tal-professjonisti sar essenzjali għal kull settur biex jitwettaq il-kummerċ internazzjonalment. Huwa jiffaċilita l-esportazzjonijiet u jipprovdi modi biex jitnaqqsu n-nuqqasijiet ta' hili. Restrizzjonijiet għall-mobbiltà huma mifruxa internazzjonalment u jistgħu jfixxlu l-benefiċċji sħaħ ta' ftehimiet kummerċjali u ta' investiment. Il-mobbiltà tal-professjonisti ma xsekkilx il-liġijiet u r-regolamenti soċjali u tal-impjieg.

Il-potenzjal ekonomiku tal-moviment temporanju tal-fornituri ta' servizz b'mod partikolari huwa enfasizzat fl-Aġenda Ewropea għall-Migrazzjoni ⁽¹¹⁾. L-aġenda titlob ukoll użu aħjar tas-sinerġiji bejn l-oqsma ta' politika sabiex il-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi dwar il-migrazzjoni u l-kwistjonijiet tar-refuġjati tiġi inċentivata ⁽¹²⁾. Il-politika kummerċjali għandha tqis il-qafas tal-politika għar-ritorn u r-riammissjoni ta' migranti irregolari.

Il-Kummissjoni se:

- tinneogħja dispożizzjonijiet ta' mobbiltà direttament relatati mal-bejgħ ta' prodotti u tagħmir partikolari (pereżempju servizzi tal-inġinerija jew tal-manutenzjoni) b'mod parallel man-negozjati dwar l-aċċess għas-suq għal dawk il-prodotti;
- toffri li tinkorpora ċerti benefiċċji tad-direttiva tat-trasferimenti intra-ażjendali (ICT) ⁽¹³⁾ fi ftehimiet kummerċjali u ta' investiment bi skambju għat-trattament reċiproku tal-professjonisti Ewropej mis-sħab;
- tuża r-reviżjoni tad-direttiva dwar il-karta blu ⁽¹⁴⁾ biex tevalwa l-possibbiltà li tinkludi l-kundizzjonijiet tad-dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jipprovdu servizz fuq bażi temporanja f'konformità mal-impenji tal-UE fi ftehimiet kummerċjali;
- tippromwovi r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali fi ftehimiet kummerċjali;
- tagħmel użu aħjar mis-sinerġiji bejn il-politika kummerċjali, u l-politika tal-UE dwar ir-ritorn/ir-riammissjoni u l-faċilitazzjoni tal-viżi, sabiex tiżgura riżultati aħjar għall-UE kollha kemm hi; kif ukoll
- tappoġġa l-iskambju, it-taħriġ u l-programmi tal-bini tal-kapaċità u portali oħra finanzjati mill-UE, li jiffaċilitaw l-użu effettiv ta' dispożizzjonijiet ta' mobbiltà fl-FTAs.

2.1.4. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni regolatorja internazzjonali

Ħtiġijiet applikati għal prodotti u servizzi jvarjaw ħafna madwar id-dinja kollha, xi kultant minħabba differenzi kulturali u għażliet tas-soċjetà, imma ta' spiss sempliċement għaliex l-approċċi regolatorji ġew żviluppati f'iżolament. Tali frammentazzjoni regolatorja timplika spejjeż addizzjonali sinifikanti għall-produtturi li jkollhom jimmodifikaw il-prodotti tagħhom u/jew jgħaddu minn valutazzjonijiet ta' konformità doppji għall-ebda sigurtà ulterjuri jew benefiċċju pubbliku ieħor; f'xi każijiet, dan huwa biss protezzjoniżmu

⁽¹¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, il-Komunikazzjoni "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni", COM(2015) 240.

⁽¹²⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, il-Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-Ritorn", COM(2015) 453.

⁽¹³⁾ Id-Direttiva 2014/66/UE, 15 ta' Mejju 2014, ĠU L 157.

⁽¹⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE, 25 ta' Mejju 2009, ĠU L 155.

moħbi. Dawn l-ispejjeż huma partikolarment sinifikanti għall-SMEs, li għalihom dawn jistgħu jikkostitwixxu ostaklu għall-aċċess għas-suq insormontabbli.

Filwaqt li huwa aktar faċli li jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet f'negozjati bilaterali, soluzzjonijiet reġjonali u globali jkollhom impatt akbar. Kooperazzjoni regolatorja internazzjonali msaħħa tgħin biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ, tgħolli l-istandards globali, tagħmel ir-regolamenti aktar effikaċi u tgħin lir-regolaturi sabiex jagħmlu użu aħjar tar-riżorsi limitati. Dan irid isir b'mod li ma jillimitax id-dritt tal-gvernijiet li jaġixxu biex jilhqgħu l-oġettivi tal-politika pubblika leġittimi (ara 4.1.1). Il-progress ma' sħab fil-kummerċ strateġiċi, bħall-Istati Uniti u l-Ġappun, se jagħti spinta għal lill-ħidma f'korpi bħall-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) għall-vetturi bil-mutur, il-Konferenza Internazzjonali għall-Armonizzazzjoni għal prodotti farmaċewtiċi, jew korpi li jistabbilixxu l-istandards internazzjonali relatati mal-SPS bħall-Codex Alimentarius għall-ikel. Organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni internazzjonali (ISO, IEC u ITU) għandhom rwol importanti wkoll. Id-WTO tista' tiżviluppa r-rwol tagħha fil-promozzjoni ta' prattiki regolatorji tajbin.

Il-Kummissjoni se

- tindirizza kwistjonijiet regolatorji bħala prijetà fin-negozjati u tiggwida kooperazzjoni akbar fil-fora regolatorji internazzjonali, filwaqt li żżomm l-istandards Ewropej għoljin.
- Tkompli bl-isforzi tagħha biex telimina l-ostakli non-tariffarji permezz tal-infurzar ta' ftehimiet u kooperazzjoni regolatorja.

2.1.5. L-iżgurar tal-ġestjoni effiċjenti tad-dwana

Il-ġestjoni effettiva tal-moviment tal-prodotti permezz ta' ktajjen ta' provvista internazzjonali hija kruċjali. Dan jiżgura l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-UE u l-Istati Membri tagħha, u l-konformità mar-regoli kummerċjali. Aġenziji madwar l-UE u madwar id-dinja jridu jamministraw u jimminimizzaw firxa wiesgħa ta' riskji li jirriżultaw mill-kummerċ globali. Huma meħtieġa skambju ta' informazzjoni ta' riskju akbar (b'kont dovut meħud tal-protezzjoni tad-dejta personali u s-sigrietà tan-negozju), koordinazzjoni bejn id-dwana u l-awtoritajiet oħra u kooperazzjoni internazzjonali aktar mill-qrib. L-implimentazzjoni tar-regoli ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ tad-WTO u ftehimiet bilaterali u l-inklużjoni tagħhom f'FTAs futuri huma dimensjonijiet tal-politika kummerċjali dejjem aktar sinifikanti.

Il-Kummissjoni se tagħmel l-aħjar użu mill-assistenza amministrattiva reċiproka eżistenti u se tippromwovi l-użu mis-sħab kummerċjali tal-UE ta' programmi ta' operaturi ekonomiċi awtorizzati biex tindirizza riskji f'katini ta' provvista globali.

2.1.6. Il-garanzija ta' aċċess għall-enerġija u l-materja prima

Fid-dawl tad-dipendenza tal-UE fuq riżorsi importati, l-aċċess għall-enerġija u l-materja prima huwa essenzjali għall-kompetittività tal-UE. Il-ftehimiet dwar il-kummerċ jistgħu jtejbju l-aċċess billi jistabbilixxu regoli dwar in-nondiskriminazzjoni u t-tranżitu; billi jindirizzaw htigtijiet ta' kontenut lokali; billi jhegħgu l-effiċjenza tal-enerġija u l-kummerċ fl-enerġija rinnovabbli; u billi jiżguraw li intrapriżi tal-Istat jikkompetu ma' kumpaniji oħra f'ambjent ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni skont il-prinċipji tas-suq. Tali dispożizzjonijiet jridu jirrispettaw bis-sħiħ is-sovranità ta' kull pajjiż fuq ir-riżorsi naturali tiegħu u ma jridux ixeġklu azzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent, inkluża l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima.

Il-Kummissjoni, bħala parti minn ħidma usa' biex tinħoloq unjoni tal-enerġija Ewropea ⁽¹⁵⁾ u f'konformità mal-inizjattiva dwar il-materja prima ⁽¹⁶⁾, se tippromwovi kapitlu dwar l-enerġija u l-materja prima f'kull ftehim kummerċjali.

⁽¹⁵⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar it-Tibdil fil-Klima li Tħares 'il Quddiem", COM/2015/080 final

⁽¹⁶⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, il-Komunikazzjoni, "L-inizjattiva tas-swieq tal-materja prima", COM(2008) 699.

2.1.7. Il-ħarsien tal-innovazzjoni

Il-kreattività, ir-riċerka u d-disinn huma essenzjali għal ekonomija tal-katina tal-valur. Dawn jammontaw għal terz tal-impjiegi fl-UE u 90 % tal-esportazzjonijiet tal-UE ⁽¹⁷⁾. Madankollu, huma partikolarment vulnerabbli għall-protezzjoni fqira u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali (IPR) f'għurisdizzjonijiet oħra u f'ċerti każijiet huma suġġetti għal trasferiment teknoloġiku furzat. L-SMEs huma partikolarment vulnerabbli. Il-politika kummerċjali tal-UE trid tappoġġa prodotti innovattivi u ta' kwalità għolja billi tipproteġi l-ispettru sħiħ tal-IPRs, inklużi privattivi, trademarks, drittijiet tal-awtur, disinni u indikazzjonijiet ġeografiċi, kif ukoll sigriet kummerċjali. Dan mhuwiex biss id-definizzjoni ta' regoli u proċeduri iżda wkoll il-garanzija tal-infurzar tagħhom.

Il-Kummissjoni se:

- issaħħaħ il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-IP fl-FTAs u fid-WTO ⁽¹⁸⁾, u se taħdem mas-sħab biex tiġġieled il-frodi; kif ukoll
- tkompli tippromwovi aġenda tas-saħħa globali ambizzjuża ⁽¹⁹⁾ u aċċess aħjar għall-mediċini fil-pajjiżi l-fqar, inkluż permezz ta' eżenzjoni permanenti għall-pajjiżi l-anqas żviluppatti (LDCs) għal prodotti farmaċewtiċi skont il-Ftehim tad-WTO dwar Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-DPIs (TRIPs).

2.2. Il-wegħdiet li jridu jinżammu: l-implimentazzjoni, l-infurzar, negozji żgħar u l-ħaddiema

2.2.1. Implimentazzjoni aħjar

L-UE għandha l-usa' firxa ta' FTAs fid-dinja, l-isfida issa hija li jiġi żgurat li jagħmlu differenza għal kulħadd. Pereżempju, minkejja r-riżultati eċċellenti tal-FTA bejn l-UE u l-Korea t'Isfel b'mod ġenerali, il-kumpaniji mhux qed jieħdu vantaġġ sħiħ tat-tariffi mnaqqsa li jipprovdi. Fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-ftehim, 40 % biss tal-esportazzjonijiet tal-UE effettivament ibbenefikaw mill-opportunitajiet maħluqa mill-FTA, filwaqt li 60 % kienu għadhom suġġetti għal dazji mhux neċessarji. L-użu effettiv ta' dawn il-preferenzi issa ttejjeb biex ikopri żewġ terzi tal-esportazzjonijiet tal-UE iżda l-firxa wiesgħa ta' rati ta' utilizzazzjoni madwar l-Istati Membri (minn 80 % f'Ċipru, il-Latvja u l-Awstrija għal 40 % jew inqas fl-Estonja, Malta u l-Bulgarija) u r-rata ogħla ta' utilizzazzjoni minn kumpaniji tal-Korea t'Isfel (80 %) jissuġġerixxi li għad hemm aktar x'jista' jsir biex tittejjeb l-implimentazzjoni effettiva ta' dan u ftehimiet kummerċjali oħra tal-UE.

Implimentazzjoni aħjar hija responsabbiltà konġunta tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-partijiet kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tindirizza kwistjonijiet bħal regoli kumplessi tal-orijini u l-proċeduri doganali, kif ukoll in-nuqqas ta' informazzjoni u appoġġ. L-Istati Membri għandhom rwol importanti fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tar-reġim doganali tal-UE u t-tweqqif tal-kummerċ u l-promozzjoni tal-investiment. Ir-rwol tal-Parlament Ewropew se jkun partikolarment importanti għall-implimentazzjoni tal-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali (ara 4.2.2).

Il-Kummissjoni se:

- tistinka għas-sempliċità u l-konsistenza tar-regoli ta' orijini u tipprovdi informazzjoni faċli għall-utent dwar l-opportunitajiet ta' kummerċ. Dan huwa partikolarment importanti għall-SMEs;
- issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali, tiżgura l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tas-simplifikazzjonijiet tal-formalitajiet doganali previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni Ewropea u tikkoopera mal-Istati Membri sabiex jużaw l-aktar sistemi elettroniċi effiċjenti inklużi ħlasijiet elettroniċi;
- tipproponi "sħubija msaħħa" mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-partijiet kkonċernati għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali. Dan jestendi u jsaħħaħ is-"sħubija ta' aċċess għas-suq" attwali lil hinn mit-tneħħija ta' ostakli għall-kummerċ u l-investiment għall-implimentazzjoni tal-FTAs, inklużi s-

⁽¹⁷⁾ Ir-Rapport ta' Analiżi tal-Livell tal-Industrija tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern "IPR-intensive industries: contribution to economic performance and employment in the EU", 2013.

⁽¹⁸⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, il-Komunikazzjoni "Kummerċ, tkabbir u proprietà intellettwali", COM(2014) 389.

⁽¹⁹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, il-Komunikazzjoni "Ir-Rwol tal-UE fis-Saħħa Globali", COM(2010) 128.

sensibilizzazzjoni u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni doganali, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli; kif ukoll

- tirrapporta kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-aktar FTAs importanti u tagħti analiżi *ex post* aktar fil-fond dwar l-effettività ta' ftehimiet ta' kummerċ tal-UE, filwaqt li tħares lejn is-setturi u l-Istati Membri u l-impatt fuq l-ekonomiji ta' pajjiżi sħab f'każijiet magħżula.

2.2.2. Infurzar aktar b'saħħtu tad-drittijiet tal-UE

L-UE trid tiżgura li s-sħab tagħha jirrispettaw ir-regoli u jirrispettaw l-impenji tagħhom. Dan huwa imperattiv ekonomiku kif ukoll politiku. Monitoraġġ kostanti u impenn mill-Kummissjoni u l-Istati Membri mas-sħab hija l-bażi għal dan. Meta l-interventi diplomatiċi ma jirnexxux, l-UE ma toqgħodx lura milli tuża l-proċeduri ta' soluzzjoni għat-tilwim tad-WTO. L-UE hija waħda mill-aktar utenti attivi u ta' suċċess tas-soluzzjoni għat-tilwim tad-WTO, billi tagħti prijorità lil daww il-każijiet ibbażati fuq iċ-ċertezza legali, l-importanza ekonomika u l-impatt sistemiku²⁰.

Il-benefiċċji potenzjali ta' ftehimiet kummerċjali jridu jkunu disponibbli għall-Istati Membri kollha tal-UE. Dan jitleb li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija tal-UE biex jindirizzaw kwistjonijiet bħal proċeduri ta' applikazzjoni ta' aċċess għas-suq ripetittivi b'possibbiltà ta' eżiti diverġenti li jistgħu jkunu l-kawża ta' dewmien u spejjeż żejda. Dan huwa l-każ b'mod partikolari fis-settur tal-ikel agrikolu, fejn l-UE hija l-akbar esportatur fid-dinja, iżda ma tistax tuża dan il-potenzjal b'mod sħiħ minħabba ostakli ta' din ix-xorta. Ir-rikonoxximent tal-UE bħala entità singola fis-settur agroalimentari huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-esportazzjonijiet mit-28 Stat Membru tal-UE huma trattati kollha bl-istess mod. Fl-istess ħin l-UE jista' jkollha bżonn tirrifletti dwar kif toffri l-garanziji li s-sħab kummerċjali jkollhom bżonn biex jindirizzaw il-kwistjoni.

L-UE teħtieġ ukoll li żżomm sod kontra prassi kummerċjali inġusti permezz ta' miżuri antidumping u kompensatorji. Dan huwa meħtieġ biex jiġi sostnut l-impenn tal-UE għas-swieq miftuħa. L-UE hija waħda mill-utenti prinċipali tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ globalment. Hija tiżgura li l-proċeduri jiġu segwiti b'mod rigoruż u tqis l-interessi kollha tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni se:

- tiżviluppa approċċ aktar ikkoordinat għad-diplomazija ekonomika, filwaqt li tiżgura li jintużaw l-assi diplomatiċi kollha tal-UE biex jappoġġaw l-interessi kummerċjali u ta' investiment tal-UE;
- tuża proċeduri ta' soluzzjoni għat-tilwim kif meħtieġ, inklużi fl-FTAs;
- tuża l-mekkaniżmu ta' medjazzjoni li ġie miftiehem f'FTAs riċenti biex jindirizza l-ostakli non-tariffarji malajr;
- tidentifika daww il-każijiet fejn nistgħu bl-aktar mod effettiv nikkapitalizzaw fuq il-kisbiet tas-suq uniku tal-UE — b'mod partikolari fil-qasam agroalimentari — li jwassal għal aktar aċċess imtejjeb għas-suq. Il-Kummissjoni se tindirizza wkoll każijiet fejn is-sħab kummerċjali tagħna jiddiskriminaw bejn l-Istati Membri tal-UE;
- tagħti attenzjoni partikolari, fid-difiża tal-kummerċ, għas-sussidjar u għaċ-ċirkomvenzjoni li dejjem qed issir iktar problematika. kif ukoll
- tikkunsidra l-użu ta' strumenti għad-difiża tal-kummerċ, filwaqt li tevalwa l-effiċjenza u l-effettività tagħhom.

2.2.3. Aktar attenzjoni fuq in-negozji ż-żgħar

L-ispiża tad-dħul f'suq għdid tagħmel iktar impatt fuq l-SMEs milli fuq kumpaniji akbar. L-istabbiliment, il-valutazzjoni tal-konformità, l-awtorizzazzjoni tal-prodotti, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali jista'

²⁰ https://www.wto.org/english/tratop_e/dispu_e/dispu_by_country_e.htm

jkollhom l-istess spejjeż nominali. Iżda dawn għandhom impatt akbar fuq l-SMEs li għandhom inqas riżorsi għall-internazzjonalizzazzjoni, jidħlu fi swieq ġodda, jgħelbu l-ostakli tal-kummerċ u l-investment u jikkonformaw mar-regolamentazzjoni. L-eliminazzjoni ambizzjuża tal-ostakli ambizzjużi u l-konverġenza regolatorja permezz ta' ftehimiet kummerċjali għandhom ikunu, għalhekk, partikolarment ta' benefiċċju għall-SMEs.

L-istess asimetriji japplikaw għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq. Kumpaniji kbar jistgħu jkunu kapaċi joffru pariri legali u ekonomiċi dwar il-ħtiġijiet regolatorji iżda dan huwa aktar diffiċli għall-SMEs. L-FTAs jistgħu jgħinu, pereżempju, billi jistabbilixxu siti web tal-gvern li jaġixxu bħala one-stop shop għall-informazzjoni kollha dwar il-ħtiġijiet tal-prodott rilevanti.

Il-Kummissjoni se:

- tinkludi dispożizzjonijiet apposta għall-SMEs fin-negozjati kollha, inklużi portali web dedikati biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet tal-prodott fi swieq barranin, l-opportunitajiet ipprovduti minn FTAs, u l-appoġġ disponibbli;
- tqis l-ispeċifikitajiet tal-SMEs fil-kapitoli kollha tan-negozjati tal-kummerċ u l-investment;
- tikkordina ma' politiki ta' promozzjoni tal-kummerċ nazzjonali u l-isforzi għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, pereżempju fil-kuntest tas-"sħubija ta' implimentazzjoni msaħħa"; kif ukoll
- twettaq sħarriġ regolari dwar l-ostakli li jiffaċċjaw l-SMEs fi swieq speċifiċi u taħdem aktar mill-qrib ma' korpi rappreżentattivi tal-SMEs biex tifhem aħjar il-ħtiġijiet tagħhom.

2.2.4. Għodod aktar effettivi biex jgħinu lill-ħaddiema jadattaw għall-bidla

Kif huwa innutat, il-kummerċ huwa sors importanti tal-impjiegi għall-Ewropej, b'esportazzjonijiet jappoġġaw kważi wieħed minn kull seba' impjiegi fl-UE. Il-kummerċ jinvolve wkoll bidla strutturali li tgħin biex l-ekonomija ttipprepara biex jinħolqu l-impjiegi tal-futur. Madankollu, din il-bidla tista' tinvolvi impatti ta' diżordni temporanji għal ċerti reġjuni u ħaddiema, jekk kompetizzjoni ġdida tkun wisq intensa għal xi impriżi. Il-Kummissjoni tikkunsidra dawn iċ-ċirkustanzi fin-negozjati kummerċjali, filwaqt li tiżgura perijodi adegwati ta' tranżizzjoni, li jeskludu ċerti setturi, jew billi tuża kwoti tariffarji u klawżoli ta' salvagwardja. Bħala riżultat, meta ftehimiet kummerċjali ġodda jiġu implimentati l-impatti negattivi għandhom it-tendenza li jkunu limitati, kif muri mill-FTA bejn l-UE u l-Korea t'Isfel. Minkejja t-tħassib qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, il-ftehim ma wassalx għal żieda fl-importazzjonijiet ta' ħsara għall-industrija tal-UE — la kien hemm hteġa li jiġi attivat il-mekkaniżmu ta' sorveljanza previst fil-ftehim u lanqas li tinbeda kwalunkwe investigazzjoni ta' salvagwardja.

Madankollu, għan-nies affettwati direttament bidla bħal din mhijiex żgħira. Din hija sfida personali serja. Is-sejba ta' impjieg ġdid spiss tfisser l-akkwist ta' ħiliet ġodda, l-adattament għal metodi ġodda ta' xogħol jew il-konsiderazzjoni li wieħed jiċċaqilaq lejn reġjun ieħor, jew lejn Stat Membru ieħor tal-UE biex jinħatfu l-opportunitajiet ta' xogħol, li l-ejda wieħed minnhom ma huwa faċli. In-nies għalhekk jeħtieġu kemm żmien kif ukoll appoġġ biex jantiċipaw il-bidla u biex jadattaw għaliha meta dan iseħħ.

Il-ġestjoni attiva tal-bidla hija għalhekk essenzjali biex jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni huma distribwiti b'mod ġust u li l-impatti negattivi jittaffew. Il-konsegwenzi soċjali tal-ftuħ tas-suq iridu jiġu indirizzati.

L-UE u l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li l-politiki attivi fis-suq tax-xogħol jippermettu lil dawk li jtilfu xogħolhom isibu oħrajn ġodda malajr, jew f'aktar kumpaniji kompetittivi fi ħdan is-settur tagħhom jew f'impjieg ġdid għal kollox. Il-Kummissjoni qed tfittex strateġija għall-impjiegi u t-tkabbir li għandha l-għan li tiffaċilita l-ħolqien ta' impjiegi ġodda u sostenibbli fl-UE. Il-politiki tal-edukazzjoni huma element ewlieni u jridu jappoġġaw l-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet biex jippreparaw lill-ħaddiema għal impjiegi futuri. Il-Fondi Strutturali u ta' Investment tal-UE jappoġġaw dan l-għan.

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huwa għodda oħra, li jipprovi appoġġ għal komunitajiet li għandhom il-problema ta' telf ta' impjiegi ta' darba, iddefiniti b'mod ċar bħall-għeluq tal-fabbriki fl-UE minħabba l-kompetizzjoni internazzjonali jew l-esternalizzazzjoni. Sa issa, ir-riżerva mwarrba

għal interventi tal-FEG potenzjali qatt ma ntużat kollha f'sena partikolari. Il-bqija tar-riżerva setgħet ġiet applikata b'mod utli kieku l-kriterji għall-ħlas komplew jiġu estenzi.

Il-Kummissjoni se:

- tirrevedi l-prestazzjoni tal-FEG biex tagħmilha aktar effikaċi; kif ukoll
- issaħħaħ il-konsultazzjoni tas-sħab soċjali dwar l-impatti possibbli tal-kummerċ u l-investment fuq l-impjiegi, b'mod partikolari, fil-qafas tal-VIS;

3. Aktar trasparenza tal-politika tan-negozju u tal-investment

Il-politika kummerċjali hija aktar diskussa llum milli qatt kienet f'dawn l-aħħar snin, b'ħafna qed jistaqsu jekk hijiex imfassla biex tappoġġa l-interessi u l-prinċipji wiesgħa Ewropej jew l-għanijiet doġoq ta' ditti kbar. L-enfasi f'dawn l-aħħar negozjati, b'mod partikolari tat-TTIP, dwar kwistjonijiet regolatorji ġew meqjusa minn xi wħud bħala theddida għall-mudell soċjali u regolatorju tal-UE. Barra minn hekk, l-UE kisbet ir-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-investment u s-soluzzjoni tat-tilwim skont it-Trattat ta' Lisbona, li twassal għal dibattitu jaħraq dwar jekk il-mekkaniżmi żviluppatti sa issa mill-Istati Membri biex jiżguraw protezzjoni bħal din jimminawx id-dritt tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jirregolaw. It-tielet aspekk tad-dibattiti pubbliċi attwali fuq il-kummerċ huwa li l-konsumaturi qegħdin ikunu dejjem aktar mgħarrfa u huma mħassba dwar il-kundizzjonijiet soċjali u ambjentali f'siti ta' produzzjoni madwar id-dinja kif ukoll ir-rispekk tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-aħħar nett, l-effetti tal-FTAs fuq pajjiżi oħra appartni s-sieħeb, b'mod partikolari LDCs, qegħdin dejjem aktar jiġu skrutinizzati.

Il-Kummissjoni tieħu dan it-tħassib bis-serjetà. It-tfassil tal-politika jrid ikun trasparenti u d-dibattitu jrid ikun ibbażat fuq il-fatti. It-tfassil tal-politika jrid iwieġeb għat-tħassib tan-nies fir-rigward tal-mudell soċjali tal-UE. Il-Kummissjoni trid issegwi politika li tibbenefika lis-soċjetà fit-totalità tagħha u tippromwovi l-istandards u l-valuri Ewropej u universali flimkien mal-interessi ekonomiċi ewlenin, filwaqt li tpoġġi aktar enfasi fuq l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, l-evazzjoni tat-taxxa, il-protezzjoni tal-konsumatur u kummerċ responsabbli u ġust.

3.1. *Ħidma aktar mill-qrib mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u s-soċjetà ċivili*

Bħala koleġiżlatur flimkien mal-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu wkoll rwol ċentrali biex jiżgura skrutinju demokratiku sħiħ u r-responsabbiltà tal-politika kummerċjali. Il-Parlament u l-Kummissjoni saħħew l-interazzjoni tagħhom, filwaqt li jiżguraw involviment mill-qrib tal-Parlament f'kull stadju tan-negozjati.

Il-Kummissjoni se żżid ukoll l-isforzi tagħha biex tippromwovi dibattitu infurmat fl-Istati Membri u djalogu aktar profund mas-soċjetà ċivili b'mod ġenerali. Din hija opportunità biex jiżdied l-għarfien tan-nies dwar negozjati tal-kummerċ u l-investment attwali u ppjanati, u biex jingħata rispons dwar kwistjonijiet mill-partijiet ikkonċernati.

F'konformità mal-prinċipji tal-aġenda għal "Regolamentazzjoni aħjar" ⁽²¹⁾, kull inizzjattiva sinifikanti fil-qasam tal-politika kummerċjali se tkun is-suġġett għal valutazzjoni tal-impatt. Matul in-negozjati ta' ftehimiet kummerċjali kbar, il-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibbiltà li jippermettu analiżi aktar fil-fond tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali ta' ftehimiet kummerċjali, inklużi fuq l-SMEs, il-konsumaturi, setturi ekonomiċi speċifiċi, id-drittijiet tal-bniedem u fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Kummissjoni tanalizza wkoll l-impatt ekonomiku ta' ftehimiet wara l-konklużjoni tagħhom u twettaq evalwazzjonijiet *ex post* wara li jkun għew implimentati. Valutazzjonijiet u evalwazzjonijiet tal-impatt huma kruċjali għat-tfassil ta' politiki kummerċjali tajbin, trasparenti u bbażati fuq l-evidenza.

⁽²¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, il-Komunikazzjoni "Better regulation for better results — An EU agenda", COM(2015) 215.

Il-Kummissjoni:

- se tagħmel l-impenn mill-qrib tagħha mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tat-TTIP ir-regola għan-negozjati kollha;
- ser timpenja ruħha b'mod attiv mas-soċjetà ċivili u mal-pubbliku b'mod ġenerali fil-kuntest ta' djalogi tas-soċjetà ċivili u djalogi taċ-ċittadini. Il-Kummissarji ser iżuru l-Istati Membri u l-parlamenti nazzjonali b'mod regolari; kif ukoll
- se jħeġġu lill-gvernijiet nazzjonali biex ikunu aktar proattivi fid-dibattitu dwar il-kummerċ.

3.2. *Proċess ta' tfassil tal-politika aktar miftuħ*

It-trasparenza hija fundamentali għal regolamentazzjoni aħjar. In-nuqqas ta' trasparenza jxekkel il-leġittimità tal-politika kummerċjali tal-UE u l-fiduċja taċ-ċittadini. Hemm domanda għal aktar trasparenza fin-negozjati kummerċjali, b'mod partikolari meta dawn jittrattaw kwistjonijiet ta' politika domestika bħar-regolamentazzjoni. Il-Kummissjoni ħadet passi bla preċedent b'risposta għal din id-domanda, b'mod partikolari fil-pubblikazzjoni ta' proposti ta' negozjati tal-UE. Bl-istess mod, il-Kunsill ippubblika d-direttivi ta' negozjati tat-TTIP u t-TiSA. Barra minn hekk, fuq il-websajt tagħha l-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar laqgħat ma' rappreżentanti interessati miżmuma mill-Membri kollha tal-Kummissjoni Ewropea, il-kabinetti u d-diretturi ġenerali tagħhom.

It-trasparenza għandha tapplika fl-istadji kollha taċ-ċiklu ta' negozjar, mill-istabbiliment ta' għanijiet san-negozjati nfushom u matul il-fażi ta' wara n-negozjar.

Minbarra l-miżuri eżistenti, il-Kummissjoni:

- meta jiġu varati, tistieden lill-Kunsill biex jiżvela d-direttivi ta' negozjati tal-FTA kollha immedjatament wara l-adozzjoni tagħhom;
- matul in-negozjati, testendi l-prattiki tat-TTIP tal-pubblikazzjoni tat-testi tal-UE onlajn għan-negozjati kollha tal-kummerċ u l-investiment u tagħmilha ċara lis-sħab ġodda kollha li n-negozjati se jkollhom isegwu approċċ trasparenti; kif ukoll
- wara l-finalizzazzjoni tan-negozjati, tippubblika t-test tal-ftehim immedjatament, kif ikun, mingħajr ma tistenna li r-reviżjoni legali tkun kompluta.

It-trasparenza għandha tiżdied aktar fil-qasam tad-difiża tal-kummerċ ukoll. Filwaqt li l-UE diġà tmur lil hinn mill-istandards tad-WTO għat-trasparenza, hemm aktar x'jista' jsir.

Il-Kummissjoni se:

- mill-ewwel nofs tal-2016 'il quddiem, tipprovdi aktar trasparenza għall-partijiet interessati f'każijiet ta' difiża tal-kummerċ, pereżempju billi tagħtihom aċċess għal aktar dokumenti u b'mod aktar faċli permezz ta' pjattaforma apposta fuq l-internet;
- mill-ewwel nofs tal-2016 'il quddiem ukoll, tipprovdi aktar trasparenza għall-pubbliku ġenerali, pereżempju f'dak li għandu x'jaqsa mal-publikazzjoni tal-verżjoni mhux kunfidenzjali ta' lmenti u talbiet għal reviżjonijiet ta' miżuri eżistenti, inklużi r-reviżjonijiet ta' skadenza; kif ukoll
- tesplora inizjattivi biex tiżdied aktar it-trasparenza fit-terminu medju, bħall-possibbiltà li jittejjeb l-aċċess għal fajls ta' investigazzjoni tal-antidumping u kontra s-sussidji minn rappreżentanti legali ta' partijiet interessati u testendi l-aċċess għall-fajls li mhumiex kunfidenzjali lill-pubbliku ġenerali.

4. Politika tal-kummerċ u l-investment ibbażata fuq valuri

Il-Kummissjoni se tmur wkoll lil hinn mit-tibdil fil-proċess tat-tfassil tal-politika fil-qasam tal-kummerċ. Tħassib pubbliku jkopri kwistjonijiet sostantivi, bħalma huma l-mod li bih ir-regolamentazzjoni u l-investment ser jiġu ttrattati fi ftehimiet ta' kummerċ u l-konsistenza tal-politika kummerċjali tal-UE mal-valuri usa' Ewropej.

4.1. *Approċċ li jirreaġixxi aħjar għall-aspettattivi tal-pubbliku dwar ir-regolamentazzjoni u l-investment*

4.1.1. **L-iżgurar li l-konsumaturi jista' jkollhom fiduċja fir-rigward tal-prodotti li jixtru f'ekonomija globali**

Il-konsumaturi bbenefikaw mill-eliminazzjoni tal-ostakli għall-kummerċ, filwaqt li qed igawdu minn għażla usa' ta' prodotti bi prezzijiet orħos. Illum il-ġurnata l-Ewropej għandhom aċċess għal prodotti mill-kontinenti kollha u jistgħu jixtru servizzi bis-saħħa ta' vjaġġar aktar faċli u n-netwerks diġitali. Ftehimiet kummerċjali ġodda jistgħu jespandu aktar l-għażla u jwasslu għal prezzijiet aktar baxxi. Madankollu, il-konsumaturi għandhom għal qalbhom ukoll is-sikurezza tal-prodotti li jużaw u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol u l-ambjent li fih jiġu prodotti.

Il-konsumaturi għandhom id-dritt li jkunu jafu x'qegħdin jixtru sabiex jieħdu deċiżjonijiet infurmati sewwa. Ir-regoli tas-suq uniku tal-UE jfissru li l-konsumaturi jista' jkollhom fiduċja sħiħa tal-prodotti u s-servizzi li jixtru minn Stati Membri oħra tal-UE. Ir-regoli tas-saħħa, tas-sigurtà, tal-protezzjoni tal-konsumatur, tax-xogħol u dawk ambjentali huma fost l-aktar protettivi u effettivi fid-dinja.. Iżda dan mhuwiex il-każ kullimkien. U f'ekonomija globali miftuħa, fejn il-prodotti huma mmanifatturati tul il-ktajjen ta' valur li jksu t-territorju tal-ekonomiji żviluppatti u dawk li qed jiżviluppaw, filwaqt li jiżgura li l-konsumaturi jista' jkollhom fiduċja fir-rigward ta' x'jixtru hija sfida akbar. Il-Kummissjoni trid tindirizza din ir-realtà.

Il-politika tal-kummerċ u l-investment tal-UE trid twieġeb għat-tħassib tal-konsumaturi billi ssaħħaħ l-inizjattivi ta' responsabbiltà soċjali korporattiva u ta' diliġenza dovuta tul il-katina tal-produzzjoni b'enfasi fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali — inklużi dawk tax-xogħol, u aspetti ambjentali ta' katini ta' valur (ara 4.2.3). Fl-istess ħin, il-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom ukoll jissodisfaw ir-responsabilità tagħhom li jinfurzaw ir-regolamenti tal-UE dwar prodotti u servizzi importati kif ukoll prodotti manifatturati domestikament.

Il-kooperazzjoni regolatorja (ara 2.1.4), tista' wkoll tgħin biex ikunu promossi standards għoljin. Bl-involvement tas-sħab fil-kooperazzjoni regolatorja, il-Kummissjoni tista' taqsa l-ideat u l-aħjar Prattiki u tippromwovi l-istandards tal-UE b'mod li jgħin lill-konsumaturi kullimkien biex jibbenefikaw mill-ogħla livelli ta' ħarsien, kif ukoll dawk l-aktar effettivi. Ftehimiet kummerċjali huma mod kif jingħata momentum politiku għal dan it-tip ta' dialogu. Madankollu, bil-kontra tan-negożjati kummerċjali tradizzjonali, il-kooperazzjoni regolatorja mhix dwar dak li tagħti u tiegħu jew in-negożjar ta' regolament għal ieħor.

Il-Kummissjoni:

- skont il-politika kummerċjali tal-UE eżistenti, wegħdiet li l-ebda ftehim tal-UE dwar il-kummerċ ser iwassal għal livelli aktar baxxi ta' protezzjoni tal-konsumaturi, ambjentali jew soċjali u tax-xogħol minn dawk offruti illum fl-Unjoni Ewropea, lanqas m'huma se jillimitaw il-kapaċità tal-UE u l-Istati Membri biex jieħdu miżuri fil-futur sabiex jilhqqu l-miri leġittimi tal-politika pubblika abbażi tal-livell ta' protezzjoni li huma jqisu bħala xieraq. Kull tibdil għal-livell ta' protezzjoni marbut ma' ftehim kummerċjali jista' jkun biss 'il fuq;
- se taħdem ma' għaqdiet tal-konsumaturi, gruppi ta' esperti u organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili biex tiżgura li l-politiki ta' kummerċ u investment huma xierqa għall-ħtiġijiet tal-konsumaturi; kif ukoll
- issaħħaħ l-analiżi tal-impatt tal-politika kummerċjali fuq il-konsumaturi kemm fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet *ex post*.

4.1.2. Il-promozzjoni ta' approċċ ġdid għal investment

Filwaqt li l-għoti ta' spinta lill-investment hija fiċ-ċentru tal-prijoritajiet ekonomiċi tal-Kummissjoni, il-protezzjoni tal-investment u l-arbitraġġ qanqlu dibattitu mqanqal dwar il-ġustizzja u l-ħtieġa li jiġi ppreservat id-dritt tal-awtoritajiet pubbliċi li jirregolaw kemm fl-UE u f'pajjiżi sħab, b'mod partikolari fil-kuntest tan-negozjati tat-TTIP.

Matul l-aħħar 50 sena, l-Istati stabbilixxew sfiqa tal-internet globali ta' aktar minn 3 200 trattat bilaterali ta' investment (BITs) — 1 400 minnhom jinvolvu Stati Membri tal-UE — bil-għan li jipproteġu u jinkoraġġixxu l-investment.

Id-dibattitu attwali tefa' dawl fuq ir-riskju tal-abbuż ta' dispożizzjonijiet komuni għal ħafna minn dawn il-ftehimiet, kif ukoll nuqqas ta' trasparenza u indipendenza tal-arbitri. Il-bżonn għar-riforma issa huwa ġeneralment rikonoxxut globalment u “filwaqt li prattikament kull pajjiż huwa parti minn reġim ta' investment globali, u għandu interess reali f'dan, ħadd ma jidher verament sodisfatt bih”, kif enfasizzat f'rapport reċenti tal-Unctad⁽²²⁾. Il-kwistjoni mhijiex jekk is-sistema għandhiex tinbidel iżda kif dan għandu jsir. Filwaqt li l-istatus quo mhux opzjoni, l-oġġettiv bażiku ta' protezzjoni tal-investment jibqa' validu peress li l-preġudizzju kontra investituri barranin u l-ksur tad-drittijiet tal-proprietà għadhom kwistjoni.

L-UE hija fl-aħjar pożizzjoni — u għandha responsabbiltà speċjali — li twassal għar-riforma tar-reġim tal-investment globali, bħala attur prinċipali u fundatur tagħha. Il-Kummissjoni, li għandha responsabilitajiet ġodda għall-protezzjoni tal-investimenti minn meta t-Trattat ta' Lisbona ttrasferixxa l-kompetenza ta' dan il-qasam għall-UE, għamlet ir-riforma prijorità u hi lesta tiegħu r-riedni globalment. Diġà bdiet ir-riforma tas-sistema fil-kuntest tat-TTIP⁽²³⁾.

Il-Kummissjoni se:

- bħala l-ewwel pass, tinkludi dispożizzjonijiet moderni fi ftehimiet bilaterali, li jpoġġu enfasi iżjed b'saħħitha fuq id-dritt tal-Istat li jirregola, xi ħaġa li ma ġietx enfasizzata biżżejjed fil-passat. Il-ftehimiet bilaterali tal-UE ser jibdew it-trasformazzjoni ta' soluzzjoni tat-tilwim il-qadim bejn l-investitur u l-Istat f'Sistema tal-Qorti ta' Investment pubbliku magħmul minn Tribunal ta' prim' istanza u Tribunal ta' Appell li joperaw bħal qrati tradizzjonali. Se jkun hemm kodiċi ta' kondotta ċara biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, imħallfin indipendenti bi kwalifiki tekniċi u legal għoljin li jistgħu jitqabblu ma' dawk meħtieġa għall-membri ta' qrati internazzjonali permanenti, bħall-Qorti tal-Ġustizzja Internazzjonali u l-Korp tal-Appell tad-WTO;
- b'mod parallel, ikun hemm involviment mas-sħab biex jinbena kunsens sħiħ għal Qorti tal-Investment Internazzjonali permanenti;
- f'perjodu itwal ta' żmien, tappoġġa l-inkorporazzjoni ta' regoli ta' investment fid-WTO. Din tkun opportunità biex jiġu simplifikati u aġġornati l-ftehimiet bilaterali għat-twaqqif ta' sistema iktar ċara, leġittima u inklużiva; kif ukoll
- qabel it-tmiem tal-mandat tagħha, tiegħu kont tal-progress li sar, tagħmel rieżami tal-komunikazzjoni tal-2010 dwar l-investment internazzjonali⁽²⁴⁾ u tippjana t-triq 'il quddiem.

4.2. Aġenda kummerċjali biex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba

It-Trattati tal-UE jeżiġu li l-UE tippromwovi l-valuri tagħha, inkluż l-iżvilupp tal-ifqar pajjiżi, standards soċjali u ambjentali għoljin, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, madwar id-dinja. F'dan ir-rigward, il-politika tal-kummerċ u l-investment għandha tkun konsistenti ma' strumenti oħrajn tal-azzjoni esterna tal-UE.

Wieħed mill-għanijiet tal-UE hu li jiġi żgurat li t-tkabbir ekonomiku jmur id f'id mal-ġustizzja soċjali, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istandards tax-xogħol u ambjentali għolja, il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza. Dan japplika għal politiki esterni kif ukoll interni, u jinkludi wkoll il-politika tal-kummerċ u l-

⁽²²⁾ Unctad, Rapport tal-Investment Dinji, 2015.

⁽²³⁾ Abbozz ta' test TTIP tal-Kummissjoni — investment, http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/september/tradoc_153807.pdf

⁽²⁴⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Lejn politika Ewropea komprensiva għall-investment internazzjonali. COM(2010) 343

investiment. L-UE qiegħda tmexxi biex tintegra l-oġġettivi ta' żvilupp sostenibbli fil-politika kummerċjali u billi tagħmel il-kummerċ għodda effettiva għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja. L-importanza tal-kontribut potenzjali tal-politika kummerċjali fuq l-iżvilupp sostenibbli reċentement ġiet affermata mill-ġdid fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, inklużi l-SDGs, li se jiggwidaw azzjoni globali fil-15-il sena li ġejjin.

4.2.1. L-użu tal-kummerċ u l-investiment biex jappoġġjaw it-tkabbir inklużiv fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

L-UE hija fuq quddiem nett fl-użu tal-politika kummerċjali biex jiġi promoss l-iżvilupp tal-ifqar pajjiżi.

- **L-UE hija l-iktar suq miftuħ għall-esportazzjonijiet tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.** Fl-2001, l-inizjattiva “Kollox Ħlief l-Armi (EBA)”⁽²⁵⁾ kienet radikali billi fetħet is-suq tal-UE għal-LDCs mingħajr kwalunkwe tariffa jew kwota. Din kienet effettiva. Minbarra l-enerġija, l-UE timporta aktar mil-LDCs milli mill-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun u ċ-Ċina flimkien. L-UE kkonkludiet ukoll b’suċċess ftehimiet ta’ sħubija ekonomiċi (EPAs) mal-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, b’mod partikolari dan l-aħħar fl-Afrika (ara 5.2.3).
- **L-oġġettiv tal-UE huwa li tappoġġa l-iżvilupp billi tippermetti lil pajjiżi biex jintegraw fi u biex jadvanzaw fil-ktajjen tal-valur reġjonali u mondjali.** L-UE rrilassat ir-regoli tagħha ta’ oriġini fl-Iskema ta’ Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati (SGP). Dawn issa huma aktar sempliċi, aktar faċli biex wieħed ikun konformi magħhom u joffru opportunitajiet akbar għal ksib ibbażat fuq kumulazzjoni reġjonali u transreġjonali bejn il-pajjiżi. L-UE u l-Istati Membri tagħha kienu wkoll qed imexxu l-isforzi tal-“Għajnuna għall-Kummerċ” globali, li jammontaw għal aktar minn terz tal-appoġġ globali, li jammonta għal madwar EUR 11-il biljun fis-sena.
- **F’konformità mal-prinċipju tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp,** l-UE teħtieġ li tiżgura li l-inizjattivi kummerċjali u ta’ investiment jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi u jiġi minimizzat kwalunkwe impatt negattiv fuq l-LDCs u pajjiżi oħra l-aktar fil-bżonn. Dan huwa partikolarment rilevanti fir-rigward tat-TTIP, peress li l-UE u l-Istati Uniti huma l-aktar żewġ swieq importanti tad-dinja għal prodotti u servizzi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Il-Kummissjoni se:

- twettaq eżami ta’ nofs it-terminu tas-SPG sal-2018, b’mod partikolari permezz tat-tagħlim mill-kisbiet ewlenin taħt l-iskema tal-SGP+. Ir-reviżjoni tista’ tipprovdi wkoll opportunità biex tikkunsidra l-lezzjonijiet li ġew mitgħallma fuq preferenzi għal oġġetti u tikkunsidra l-preferenzi simili fis-servizzi għal-LDCs għall-iskema tal-EBA, skont l-aħħar tneħħija għal LDCs fuq is-servizzi miftiehma fid-WTO;
- tagħmel rieżami, flimkien mal-Istati Membri tal-UE, tal-istrateġija konġunta tal-UE tal-2007 ‘Għajnuna għall-kummerċ’⁽²⁶⁾ biex issaħħaħ il-kapaċità tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jużaw l-opportunitajiet offruti minn ftehimiet kummerċjali, skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;
- jipproponu, fil-kuntest tat-TTIP u negozjati oħra dwar kwistjonijiet regolatorji, għażliet li jsaħħu l-kooperazzjoni regolatorja internazzjonali usa’ u jkollhom effetti pożittivi f’pajjiżi terzi, b’mod partikolari f’pajjiżi li qed jiżviluppaw;
- iwettqu analiżi fil-fond tal-effetti possibbli ta’ FTAs għodda fuq l-LDCs fil-valutazzjonijiet tal-impatt sostenibbli, bil-għan li jiffasslu miżuri ta’ appoġġ meta jkun meħtieġ; kif ukoll
- ikomplu jappoġġaw pakkett tal-LDC sinifikanti fil-kuntest tal-konklużjoni taċ-ċiklu ta’ Doha u jħeġġu lill-G20, id-WTO u fora multilaterali oħra għal monitoraġġ mill-qrib tal-effett ta’ miżuri protezzjonisti tal-pajjiżi terzi fuq l-LDCs u kif dawn jistgħu jitneħħew.

⁽²⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill 2001/416/EC, 28 ta’ Frar 2001, ĠU L 60.

⁽²⁶⁾ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar “Strateġija tal-UE dwar l-Għajnuna għall-Kummerċ: It-tisħiħ tal-appoġġ tal-UE għall-ħtiġijiet relatati mal-kummerċ f’pajjiżi li qed jiżviluppaw”, Doc.14470/07, 29 ta’ Ottubru 2007.

4.2.2. Il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli

L-UE qiegħda wkoll fuq quddiem fuq l-użu tal-politika kummerċjali għall-promozzjoni tal-pilastru soċjali u ambjentali ta' żvilupp sostenibbli. Dan isir b'mod pożittiv, abbażi ta' inċentivi, mingħajr ebda aġenda ta' protezzjoniżmu moħbija.

- **L-iskema SĠP+ hija għodda innovattiva li toffri inċentivi u appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem, żvilupp sostenibbli u governanza tajba** f'pajjiżi li huma impenjati li jimplimentaw konvenzjonijiet internazzjonali prinċipali f'dawn l-oqsma.
- **L-UE għandha rwol ewlieni fit-tmexxija 'l quddiem ta' negozjati għal Ftehim dwar il-Beni Ambjentali (EGA) b'16-il membru ewlieni ieħor tad-WTO.** L-għan huwa li jiġi ffaċilitat il-kummerċ ta' teknoloġiji ekoloġiċi vitali, bħall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-ġestjoni tal-iskart, u l-prevenzjoni tat-tniġġis tal-arja u tiġi meġġuna l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent.
- **L-FTAs tal-UE riċenti sistematikament jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.** L-għan huwa b'mod partikolari li jiġi massimizzat il-potenzjal ta' żieda fil-kummerċ u l-investiment għal xogħol diċenti u għall-protezzjoni tal-ambjent, inkluża l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u jimpenjaw ruħhom ma' pajjiżi sħab fi proċess ta' kooperazzjoni biex iżidu t-trasparenza u l-involvement tas-soċjetà ċivili. Id-dispożizzjonijiet jippermettu wkoll reviżjoni imparzjali u indipendenti.

Kif jidhru fis-seħħ l-FTAs, l-UE ser ikollha tiżgura li d-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli huma implimentati u użati b'mod effettiv, inkluż billi toffri appoġġ xieraq permezz ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. Dan huwa pass kruċjali biex tinġieb il-bidla fuq il-post. Ir-rispett tal-impenji dwar id-drittijiet tax-xogħol u l-protezzjoni ambjentali tista' tkun sfida sinifikanti għal xi wħud mis-sħab kummerċjali. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tassisti s-sħab kummerċjali biex titjeb is-sitwazzjoni. Il-koordinazzjoni b'mod aħjar tal-għajnuna u l-programmi ta' kooperazzjoni f'dawn l-oqsma ser tippermetti lill-UE sabiex tuża l-opportunitajiet u tingrana r-relazzjoni kummerċjali aktar mill-qrib biex jippromwovu din l-aġenda bbażati fuq il-valuri.

Il-Kummissjoni se:

- tiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli taż-żoni ta' kummerċ ħieles (FTA). Dan għandu jkun element prinċipali tas-sħubija msaħħa mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-partijiet interessati dwar l-implimentazzjoni tal-FTA, kif ukoll id-djalogu mas-soċjetà ċivili;
- tagħti prijorità lill-ħidma biex jiġu implimentati b'mod effettiv l-istandards ewlenin tax-xogħol (l-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol sfurzat, in-nondiskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv), kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fl-implimentazzjoni ta' FTA u l-SĠP;
- issaħħaħ il-prijorità mogħtija għal ġestjoni sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali (il-bijodiversità, il-ħamrija u l-ilma, il-foresti u l-injam, is-sajd u l-annimali selvaġġi) u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fil-FTA u l-implimentazzjoni tagħhom;
- toffri li jkun hemm rabta aħjar għall-istrumenti tal-politika kummerċjali bil-għan li tindirizza d-drittijiet tal-ħaddiema u l-ħarsien tal-ambjent (SĠP, il-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-FTA) għal azzjonijiet ta' għajnuna/ kooperazzjoni f'dawn l-oqsma biex nġinu s-sħab tagħna jiżguraw livelli għoljin ta' protezzjoni;
- tippromwovi kapitlu għal approċċ ambizzjuż u innovattiv dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment kollha. It-TTIP, għandha jkollha impenji ambizzjużi dwar id-drittijiet tax-xogħol ewlenin kollha soġġetti għal konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), kif ukoll fuq l-iżgurar ta' livelli għolja ta' saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti b'konformità mal-Aġenda għal Xogħol Diċenti tal-ILO. Għandha jkollha wkoll impenji ambizzjużi dwar il-ħarsien ambjentali f'dak li għandu x'jaqşam ma' ftehimiet ambjentali multilaterali;
- għandha tqis kunsiderazzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli fl-oqsma rilevanti kollha ta' FTA (pereżempju, l-enerġija u l-materja prima jew l-akkwist pubbliku); kif ukoll

- tappoġġa riżultat sinifikanti għan-negozjati tal-EGA. L-għan għandu jkun li jiġu eliminati t-tariffi fuq il-prodotti ekoloġiċi, swieq miftuħa għal servizzi ekoloġiċi, u jinkludi mekkaniżmu biex jiġu indirizzati l-ostakli li mhumiex marbutin mat-tariffi fil-futur. Il-Kummissjoni trid tagħmilha faċli biex iżżid prodotti ġodda mal-lista, u biex tippermetti kemm jista' jkun pajjiżi possibbli biex jissiehu fl-inizjattiva.

4.2.3. Żgurar ta' ġestjoni responsabbli tal-katini ta' provvista

Ġestjoni responsabbli tal-ktajjen ta' provvista globali hija essenzjali biex il-politika tal-kummerċ tiġi allinjata mal-valuri Ewropej. L-UE diġa' ħadet passi ma' sħab speċifiċi (eż. Il-Patt ta' Sostenibbiltà ta' Bangladexx u l-Inizjattiva tad-Drittijiet tax-Xogħol mal-Myanmar) u fuq kwistjonijiet speċifiċi (l-inizjattiva dwar il-kunflitt ta' minerali ⁽²⁷⁾, ir-regolamenti dwar qtugħ tas-siġar illegali ⁽²⁸⁾, il-kriterji ta' sostenibbiltà għal bijofjuwils ⁽²⁹⁾, rappurtar korporattiv dwar kwistjonijiet fil-katini ta' provvista ⁽³⁰⁾, it-trasparenza korporattiva dwar pagamenti li jsiru lil gvernijiet minn industriji ta' estrazzjoni u qtugħ ta' siġar ⁽³¹⁾). Il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa dawn il-politiki fis-snin li ġejjin. Dawn huma kumplessi u għandhom jinvolvu firxa ta' atturi pubbliċi, privati u tas-soċjetà ċivili biex jagħmlul bidliet sinifikanti għal persuni fuq il-post. Dawn jinvolvu wkoll taħlita ta' għodod kwalitattivi u innovattivi u bidliet leġiżlattivi.

Il-Kummissjoni se:

- flimkien mar-Rappreżentant Għoli, tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Globali tan-NU, u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar l-Impriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali u thegħeġ is-shabkummerċjali tal-UE biex jikkonformaw ma' dawn il-prinċipji internazzjonali u b'mod partikolari l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali;
- tippromwovi b'mod attiv l-adozzjoni fil-livell internazzjonali tal-approċċi ambizzjużi tal-UE dwar il-minerali ta' kunflitt u l-qtugħ illegali tas-siġar, li jibni fuq il-ħidma tal-OECD, tan-NU u tal-G7;
- taħdem mill-qrib mal-ILO u l-OECD biex tiżviluppa approċċ globali lejn it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-ħwejjeġ;
- tidentifika u tivvaluta opportunitajiet ġodda settorjali jew ġeografiċi għal sħubijiet responsabbli addizzjonali tal-katina tal-provvista; kif ukoll
- iżżid it-trasparenza fil-katina tal-provvista u ttejjeb l-informazzjoni għall-konsumaturi billi toħloq inċentivi addizzjonali għal rappurtar tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista minn kumpaniji kbar tal-UE, prinċipalment billi tippubblika kull sena lista tar-rapporti ppreżentati minn kumpaniji "ta' rappurtar responsabbli tal-katina tal-provvista"³².

4.2.4. Il-promozzjoni ta' skemi ta' kummerċ ġusti u etiċi

Il-promozzjoni ta' skemi ta' kummerċ ġusti u etiċi tal-UE tirrifletti l-ħtiġijiet tal-konsumaturi u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' kummerċ aktar sostenibbli għal produtturi żgħar f'pajjiżi terzi. Hemm nuqqas ta' informazzjoni llum biex jiġi żgurat aċċess għal skemi ta' kummerċ ġust kemm għall-produtturi kif ukoll għall-konsumaturi tal-UE. Il-Kummissjoni għandha rwol fl-iffaċilitar ta' din il-konnessjoni u sabiex titqajjem kuxjenza kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll tad-domanda.

Il-Kummissjoni se:

⁽²⁷⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament, COM(2014) 111.

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill 2010/995/EC, l-20 ta' Ottubru 2010, ĠU L 295; Ir-Regolament Delegat tal-Kunsill 2012/363/EC, it-23 ta' Frar 2012, ĠU L 115; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/607/EC, is-6 ta' Lulju 2012, ĠU L 177.

⁽²⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni 2014/1307/EC, it-8 ta' Diċembru 2014, ĠU L 351; Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, it-23 ta' April 2009, ĠU L 140.

⁽³⁰⁾ Id-Direttiva 2014/95/EU, it-22 ta' Ottubru 2014, OJ L 330; Id-Direttiva 2013/34/EU, is-26 ta' Ġunju 2013, OJ L 182;

⁽³¹⁾ Id-Direttiva 2013/50/EU, it-22 ta' Ottubru 2013, OJ L 294.

³² Id-Direttiva 2014/95/EU fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar.

- tuża l-istruttura eżistenti għall-implimentazzjoni ta' FTA biex tippromwovi l-kummerċ ġust u skemi oħra ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà, bħall-iskema organika tal-UE;
- tindirizza l-kummerċ ġust u etiku b'mod aktar sistematiku fir-reviżjoni li jmiss tal-istrateġija tal-UE "Għajnuna għall-kummerċ" u tirrapporta dwar proġetti relatati mal-kummerċ ġust bħala parti mir-rapport annwali tagħha dwar "Għajnuna għall-kummerċ";
- tippromwovi permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE u f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli, skemi ta' kummerċ ġusti u etiċi għal produttori żgħar f'pajjiżi terzi, billi tibni fuq l-inizjattivi eżistenti tal-aħjar prattiki;
- iżżid l-appoġġ biex taħdem f'fora internazzjonali, bħaċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kummerċ, biex tinġabar dejta tas-suq fir-rigward ta' swieq ta' kummerċ ġust u etiku, li tista' mbagħad isservi bħala bażi biex tiġi segwita l-evoluzzjoni tas-swieq; kif ukoll
- tiżviluppa attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fl-UE, b'mod partikolari se taħdem ma' awtoritajiet lokali fl-UE permezz tat-tnedija possibbli ta' premju "Belt tal-UE għal Kummerċ Ġust u Etiku".

4.2.5. Il-promozzjoni u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem

Il-politika kummerċjali tista' tkun għodda b'saħħitha li ssostni l-avvanz tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi flimkien ma' politiki oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-politika barranija u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jista' jinstab f'katini ta' provvista globali bħall-aġar forum ta' tħaddim tat-tfal, it-tħaddim sfurzat tal-ħabsin, xogħol furzat bħala riżultat tat-traffikar tal-bniedem u l-ħtif tal-art jistħoqqlu attenzjoni partikolari. Konsiderazzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem qed jiġu inkorporati dejjem aktar f'FTA bilaterali tal-UE, fi preferenzi unilaterali (speċjalment fl-iskema SGP+) u fil-politika dwar kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE. Pereżempju, f'każijiet ta' ksur serju u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, il-pajjiżi benefiċjarji tilfu l-preferenzi tagħhom taħt l-iskema SGP (e.ż. is-Sri Lanka, il-Belarus, Burma/il-Myanmar) sakemm is-sitwazzjoni reġgħet tjebet b'mod suffiċjenti. Il-Kummissjoni żviluppata ukoll linji gwida biex jgħinu għall-eżaminazzjoni tal-impatt ta' inizjattivi ta' politika kummerċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi sħab.

Il-Kummissjoni għandha l-għan ta' kontroll effettiv tal-esportazzjoni ta' prodotti li jintużaw għat-tortura jew il-piena kapitali u tappoġġa r-reviżjoni li għaddejjja³³. Infurzar u skambju ta' informazzjoni stretti bejn l-awtoritajiet huma essenzjali biex jiġi segwit l-oġettiv tal-UE għall-abolizzjoni tal-piena kapitali u l-kontroll tal-prodotti użati għal trattament inuman.

Il-Kummissjoni se:

- tiżgura l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-investment tal-pjan ta' azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE 2015-2018⁽³⁴⁾;
- flimkien mar-Rappreżentant Għoli, issaħħaħ id-djalogu ma' pajjiżi SGP u benefiċjarji tal-EBA partikolari fejn l-UE jista' jkollha l-aktar impatt fuq il-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li titgħallim mill-approċċ ta' monitoraġġ meħud ma' sħab SGP+, u tibqa' tkun lesta li tissospendi l-benefiċċji tal-SGP f'ħafna każijiet serji;
- tikkontribwixxi għall-mira internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-aġar forum kollha ta' tħaddim tat-tfal⁽³⁵⁾ u l-abolizzjoni tax-xogħol furzat fil-ħabs billi taħdem ma' terzi pajjiżi (speċjalment dawk li magħhom l-UE toffri SPG jew għandha ftehimiet) u billi tippromwovi sħubijiet u soluzzjonijiet b'diversi atturi fejn rilevanti;
- issaħħaħ l-analiżi tal-impatt tal-politika kummerċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem kemm f'valutazzjonijiet tal-impatt u evalwazzjonijiet *ex post* fuq il-bażi ta' linji gwida li ġew żviluppati dan l-aħħar; kif ukoll

³³ Proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 — COM (2014)0001

⁽³⁴⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019, Dok. 10897/15, l-20 ta' Lulju 2015.

⁽³⁵⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal "Trade and worst forms of child labour", SWD(2013) 173.

- tipproponi modernizzazzjoni ambizzjuża għall-politika tal-UE dwar il-kontrolli tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, inkluża l-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' sistemi diġitali ta' sorveljanza u ta' intrużjoni ⁽³⁶⁾ li tirriżulta fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

4.2.6. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-promozzjoni ta' governanza tajba

Il-korruzzjoni hija problema fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet. Hija żżomm lura pajjiżi mill-iżvilupp, filwaqt li tgħawweġ l-akkwist pubbliku, taħlil l-fondi pubbliċi skarsi, tiskoraġġixxi l-investiment, ixxejjel il-kummerċ, u toħloq kompetizzjoni mhux ġusta. Hija timmina l-istat tad-dritt u l-fiduċja taċ-ċittadini.

Il-Politika kummerċjali diġà tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, pereżempju billi żżid it-trasparenza ta' regolamenti u proċessi ta' akkwist, u billi tissimplifika l-proċeduri doganali. Taħt l-SĠP+, l-UE toffri preferenzi kummerċjali lill-pajjiżi li jirratifikaw u jimplimentaw konvenzjonijiet internazzjonali relatati mal-governanza tajba, inkluża l-Konvenzjoni tan-NU Kontra l-Korruzzjoni ⁽³⁷⁾.

Ftehimiet kummerċjali jistgħu jintużaw aktar biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni u jiġi żgurat li l-konvenzjonijiet u l-prinċipji internazzjonali jiġu implimentati fil-prattika.

Il-Kummissjoni se:

- tuża FTA biex tissorvelja r-riforma domestika rigward l-istat tad-dritt u l-governanza u tistabbilixxi mekkaniżmi ta' konsultazzjoni f'każ ta' korruzzjoni sistemika u governanza dgħajfa; kif ukoll
- tipproponi li tinneogħja dispożizzjonijiet ambizzjużi dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-ftehimiet futuri kollha ta' kummerċ, billi tibda mit-TTIP.

5. Programm li jħares 'il quddiem ta' negozjati li jsawru l-globalizzazzjoni

It-twettiq tal-potenzjal sħiħ mill-kummerċ se jkun jeħtieġ programm ambizzjuż u progressiv ta' negozjati multilaterali u bilaterali.

5.1. It-tishih tas-sistema kummerċjali multilaterali

Is-sistema multilaterali għandha tibqa' l-pedament tal-politika kummerċjali tal-UE. Il-ktieb tar-regoli tal-WTO huwa l-bażi tal-ordni tan-negozjar dinji. Madankollu, minkejja xi titjib, fil-biċċa l-kbira tiegħu baqa' l-istess għal dawn l-aħħar żewġ deċennji, minħabba n-nuqqas ta' konklużjoni tan-negozjati tad-DDA u l-fatt li l-enfasi tal-isforzi tal-membri tad-WTO ċċaqlaq x'imkien ieħor. L-UE għandha tagħmel dak kollu possibbli biex tirrestawra ċ-ċentralità tad-WTO bħala forum ta' negozjati kummerċjali. Kulħadd għandu x'jiggrawdanja minn regoli globali li japplikaw għal kważi l-pajjiżi kollha, 161 fuq l-aħħar komputazzjoni. Dawk li jutilfu l-aktar minn nuqqas ta' pass 'il quddiem tad-WTO se jkun l-pajjiżi li qed jiżviluppaw l-iktir vulnerabbli, kif ukoll pajjiżi mingħajr aġenda bilaterali jew reġjonali attiva.

⁽³⁶⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni "L-analiżi tal-politika ta' kontroll tal-esportazzjoni: l-iżgurar tas-sigurtà u tal-kompetittività f'dinja li qiegħda tinbidel", COM(2014) 244.

⁽³⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni fl-UE", (COM(2011)308).

5.1.1. Progress fid-WTO

Biex terġa' tistabbilixxi ruħha bħala xprun tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ dinji u forum ewlieni għan-negozjati kummerċjali, id-WTO teħtieġ li l-ewwel idawwar il-paġna fuq id-DDA. Dan se jeħtieġ sens qawwi ta' responsabbiltà bejn il-membri kollha tagħha. L-10 konferenza ministerjali tad-WTO f'Nairobi f'Diċembru 2015, l-ewwel waħda fl-Afrika, se ssir f'mument kritiku. L-UE tinsab lesta li tagħti sehemha biex jintlaħaq ftehim, għalkemm is-suċċess ma jiddependix fuq l-UE waħedha. Il-parametri li kienu qed jiġu nnegozjati fl-2008 — l-aħħar tentattiv serju biex jiġi konkluż iċ-ċiklu — ma ħadmx. Żviluppi li seħħew minn dak iż-żmien jagħmluha aktar ċara li mhux ser ikun possibbli li jiġi konkluż fuq dik il-bażi. Il-membri tad-WTO għandhom jirrikonoxxu l-ħtieġa għal kalibrazzjoni mill-ġdid sinifikanti.

Filwaqt li tibni fuq ftehim f'Nairobi, l-UE għandha tfittex li ssaħħaħ mill-ġdid id-WTO

- **L-ewwel nett, billi tafda lid-WTO bi rwol ċentrali fl-iżvilupp u l-infurzar tar-regoli tal-kummerċ globali,** mill-proprjetà intellettuali għad-dwana, mill-kummerċ diġitali għal Prattiki regolatorji tajbin. Dawn l-aħħar snin urew li minkejja n-nuqqas ta' progress fid-WTO, is-sħab kummerċjali għadhom jiżviluppaw reazzjonijiet għal realtajiet kummerċjali globali li jinbidlu, iżda jagħmlu dan b'mod bilaterali u reġjonali. Madankollu, meta r-regoli jiġu żviluppati barra d-WTO f'mijiet ta' arranġamenti reġjonali separati, l-inkoerenza li tirriżulta effettivament tista' tikkumplikar l-kummerċ, speċjalment għall-SMEs. Paradossalment din ir-realtà tikkoinċidi man-nibta ta' katini ta' valur mondjali, li fil-fatt jikkontribwixxu b'sett ta' regoli verament globali aktar importanti minn qatt qabel. Dixxiplini dwar l-appoġġ jew ir-regoli domestiċi għall-agrikoltura li jgħawġu l-kummerċ jistgħu biss ikunu effettivament żviluppati fid-(WTO).
- **It-tieni, billi ssegwi r-riżultati permezz ta' approċċ aktar iffukat.** Is-suċċess tal-Konferenza Ministerjali ta' Bali tal-2013 kien possibbli minħabba li l-membri indirizzaw kull kwistjoni fuq il-merti tagħha stess. Dan wera li kien ferm aktar effettiv minn approċċ ta' impriża individwali, li fih l-ebda riżultat individwali ma jista' jiġi miftiehem sakemm l-elementi kollha ta' aġenda vasta huma miftiehma. Wara Nairobi, negozjati bbażati fuq kwistjonijiet jistgħu jkunu mod aktar promettenti biex tavvanza l-aġenda tad-WTO minn ċiklu ieħor usa' u kumpless. Tali approċċ jista' jiġi esplorat biex jiftaħ orizzonti ġodda fid-WTO, u biex isir aktar progress f'oqsma fejn l-impenji jeżistu diġà. Ir-rwol tad-WTO fil-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u l-monitoraġġ ta' żviluppi tal-politika, notevolment dwar ir-regoli żviluppati fil-kuntest ta' FTA, jista' wkoll jiġi rinforzat.
- **It-tielet, billi ttipponi li subsett ta' membri tad-WTO jistgħu jimxu 'l quddiem fuq kwistjoni speċifika,** filwaqt li jinżamm il-bieb miftuħ għal Membri tad-WTO interessati li jingħaqdu fi stadju aktar tard. Dan jippermetti għal ftehimiet plurilaterali ġodda taħt l-umbrella tad-WTO u jagħmilha aktar faċli biex jiġu ankrati fid-WTO dawk il-ftehimiet plurilaterali li attwalment qed jiġu nnegozjati barra l-organizzazzjoni.

L-implimentazzjoni ta' dawn it-tliet prinċipji se jkun fl-interess tal-membri kollha tad-WTO — u, b'mod partikolari, l-iżgħar u l-aktar foqra. L-iżgurar tal-inklużività jibda billi jiġi żgurat li l-membri tad-WTO jistgħu effettivament joħlqu r-regoli li jirregolaw il-kummerċ dinji fi ħdan id-WTO u ma jiġux sfurzati jmorru lil hinn minnha biex jimxu 'l quddiem. Jekk in-negozjati dwar ir-regoli ma kinux ostaġġi għal negozjati dwar l-aċċess għas-suq, kull kwistjoni individwali ostaġġ għall-oħrajn kollha, u s-sħubija kollettiva kollha ostaġġ lil xi membru individwali, id-WTO tiggwadanja dinamiżmu tant meħtieġ. Dan jippermettilha tindirizza b'mod aktar effettiv l-isfidi tal-kummerċ globali modern bħall-ekonomija diġitali, l-importanza dejjem akbar ta' servizzi, ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-komplessità tar-regoli ta' oriġini.

Dawn il-bidliet, madankollu, mhumix biżżejjed. It-tiġdid bis-sħiħ tad-WTO se jitlob lill-membri li jmorru lura għall-kawżi fundamentali tal-istaġnar attwali. L-ostaklu reali fin-negozjati s'issa mhux wieħed istituzzjonali, tekniku jew anke relatat mal-kontenut tal-aġenda, iżda iktar kwistjoni tar-rieda tal-parteċipanti biex jinstab kompromess. Dan ġej mill-fatt li s-sistema tad-WTO ma evolvietx malajr daqs ir-realtà ekonomika globali. Kien hemm bidla kbira fil-poter ekonomiku relattiv tas-sħab ewlenin tal-kummerċ u għadha ma ġietx riflessa kompletament fis-sistema tad-WTO. Bħala riżultat, hemm żbilanċ li dejjem qed jikber bejn il-kontribuzzjoni li l-pajjiżi emerġenti kbar jagħmlu lis-sistema kummerċjali multilaterali u l-benefiċċji li jieħdu minnha. Din it-tendenza li kienet diġà tanġibbli meta tnediet id-DDA, kibret b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien, u tidher li se tkompli tagħmel dan fil-futur.

L-ibbilanċjar mill-ġdid tal-kontribuzzjoni relattiva ta' pajjiżi żviluppati u l-ekonomiji emerġenti huwa rekwiżit ewleni biex is-sistema timxi 'l quddiem fil-ġejjieni. Din hija kwistjoni politikament sensittiva u ma hemm l-ebda imbutturatura għalissa biex tkun indirizzata bis-serjetà. Iżda mhux se jkun possibbli li nimxu 'l quddiem bi kwalunkwe tibdil profond fil-mod kif taħdem id-WTO sakemm is-sistema ma taqbiżx dak l-intopp.

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien qasir:

- b'mod attiv tiffavorixxi l-konklużjoni taċ-Ċiklu ta' Doha;

fit-terminu twil:

- tfittex li l-iżvilupp ta' regoli li jirregolaw il-kummerċ globali jitqiegħed fil-qalba tad-WTO;
- tagħmel proposti għal riżultati aktar iffukati u mmirati fid-WTO;
- tappoġġja l-għan ta' massa kritika ta' membri biex tressaq inizjattivi fi ħdan il-qafas tad-WTO; kif ukoll
- tagħmel proposti biex jirriflettju aħjar il-kapaċitajiet differenti tal-membri tad-WTO biex jikkontribwixxu għas-sistema, ibbażata fuq approċċi aktar dinamiċi u dawk speċifiċi għas-settur/għall-kwistjoni.

5.1.2. It-tfassil ta' approċċ miftuħ għal ftehimiet bilaterali u reġjonali

L-UE teħtieġ li ssegwi ftehimiet bilaterali u reġjonali b'mod li tappoġġja r-ritorn tad-WTO għaċ-ċentru tal-attività ta' negozjar kummerċjali globali. FTA jistgħu jservu ta' laboratorju għall-liberalizzazzjoni tal-kummerċ dinji. L-UE għandha tiżviluppa proposti futuri tad-WTO biex jimtlew il-lakuni li hemm fil-ktieb tar-regoli multilaterali u jnaqqsu l-frammentazzjoni minn soluzzjonijiet miksuba f'negozjati bilaterali.

L-UE għandha tinkludi mekkaniżmi xierqa fl-FTA li jippermettu lil pajjiżi interessati oħra biex jingħaqdu magħhom fil-futur, sakemm dawn huma lesti li jilħqu l-livell ta' ambizzjoni stabbilit. L-UE diġà segwiet dan l-approċċ fil-kuntest tan-negozjati tat-TiSA, fejn insistiet mill-bidu li dan il-ftehim plurilaterali jrid ikun ibbażat fuq it-tfassil multilaterali tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-servizzi, u jkun miftuħ għal dawk il-membri kollha tad-WTO li huma lesti li jissieħbu. Eżempju ieħor huwa l-FTA li l-UE iffirmat mal-Kolombja u l-Perù fl-2012, u li l-Ekwador ser jissieħeb miegħu bħala riżultat ta' negozjati konklużi f'Lulju tal-2014. B'ħarsa 'l quddiem, bosta pajjiżi wrew interess li jingħaqdu mal-ftehim TTIP li jmiss. Dan jista' jiġi esplorat, billi wieħed jibda mill-pajjiżi li għandhom relazzjonijiet mill-qrib mal-UE jew l-Istati Uniti u huma lesti li jilħqu l-livell għoli ta' ambizzjoni. Approċċ simili jista' jiġi segwit fir-rabta tal-FTA tal-UE eżistenti u dawk tal-futur fl-Asja u l-Paċifiku, reġjun ta' importanza kritika għall-operazzjoni ta' katini ta' valur mondjali.

L-UE diġà ħadet passi konkreti lejn l-interoperabbiltà tal-ftehimiet tagħha billi tiffaċilita l-kumulazzjoni ta' oriġini. Normalment, il-prodotti jikkwalifikaw biss għal aċċess mingħajr dazju tal-FTA għas-suq tal-UE jekk ċertu perċentwali tal-valur tagħhom jew ċerti stadji ewlenin tal-proċess ta' produzzjoni jseħħu jew joriġinaw, fil-pajjiż imsieħeb. Meta l-oriġini tista' tiġi akkumulata, l-inputs jistgħu jkunu ġejjin minn ċerti pajjiżi oħra li wkoll għandhom FTA mal-UE u għadhom jibbenefikaw minn aċċess bla dazju. Pereżempju, dan huwa diġà l-każ bejn l-UE, ir-Reġjun tal-Mediterran u l-pajjiżi tal-EFTA. Inputs minn xulxin huma kkunsidrati bħala li jikkwalifikaw għal tariffi FTA skont dak li huwa magħruf bħala s-"Sistema ta' akkumulazzjoni Pan-Ewro-Mediterranja. Akkumulazzjoni ta' oriġini li tnaqqas it-tensjoni bejn in-natura bilaterali ta' FTA u l-frammentazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni fil-ktajjen tal-valur f'pajjiżi differenti.

Il-Kummissjoni se:

- tiżviluppa kontribuzzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tad-WTO bbażata fuq soluzzjonijiet miksuba f'inizjattivi bilaterali u reġjonali;
- turi li hija lesta tiftaħ FTA, inkluż TTIP u ftehimiet doganali għal pajjiżi terzi li jixtiequ jingħaqdu magħhom, sakemm dawn huma lesti li jilħqu livell għoli ta' ambizzjoni; kif ukoll
- tesplora, f'negozjati li jkunu għaddejjin, il-possibbiltà li jippermettu kumulazzjoni ta' oriġini għall-pajjiżi li magħhom kemm l-UE u s-sħab tal-FTA tagħha diġà għandhom ftehimiet ta' kummerċ ħieles.

5.2. Il-progress ta' relazzjonijiet bilaterali

L-aġenda bilaterali tagħna għandha ssegwi tliet prinċipji ta' gwida:

- **Biex** il-politika kummerċjali tal-UE twassal għat-tkabbir u l-impjiegi, il-prijoritajiet tagħna biex jinfetħu negozjati jridu jkomplu jkunu bbażati primarjament fuq kriterji ekonomiċi, filwaqt li tiġi kkunsidrata wkoll ir-rieda tas-sħab u l-kuntest politiku usa'.
- **Il-FTA iridu jipprovdu l-ftuħ effettiv u reċiproku, ibbażat fuq livell għoli ta' ambizzjoni.** Dan jirrikjedi li jiġu ttrattati l-ostakli b'mod komprensiv, flimkien ma' implimentazzjoni u infurzar effettivi, mingħajr ma jitħalla lok għal ostakli ġodda li jissostitwixxu dawk qodma. Madankollu, jeħtieġ li l-UE żżomm approċċ flessibbli għan-negozjati FTA biex jittieħed kont tar-realtajiet ekonomiċi tas-sħab tagħha.
- **Fil-futur, l-UE teħtieġ li ttejjeb il-koerenza bejn l-approċċ tagħha lejn il-pajjiżi emerġenti fuq livelli multilaterali, bilaterali u unilaterali.** B'mod partikolari, ma' dawk il-pajjiżi li għandhom diploma mill-SĠP, qrib reċiproċità sħiħa fi ftehimiet bilaterali futuri tagħna għandha tkun mistennija.

5.2.1. Ir-risultati mal-Istati Uniti u l-Kanada

It-TTIP hija l-aktar negozjar kummerċjali strateġiku u ambizzjuż li l-UE qatt wettqet. Dan se jsaħħaħ ir-relazzjoni tal-Ewropa mal-Istati Uniti, l-aktar alleata politika importanti u l-akbar suq ta' esportazzjoni, u tipprovdi għal regoli globali effettivi tal-laboratorju. Wara 10 sessjonijiet ta' negozjati minn Lulju 2013, qed jibdeu jidhru l-limiti ta' x'jista' jkun ftehim ibbilanċjat. Mill-perspettiva tal-UE, dan għandu jinkludi:

- pakkett ta' aċċess għas-suq ambizzjuż u bbilanċjat komparabbli ma' dawk tal-UE tal-FTA mal-Kanada;
- approċċ ġdid lejn kooperazzjoni regolatorja, kif ukoll ir-risultati regolatorji konkreti f'setturi ewlenin, filwaqt li jirrispetta l-livell ta' protezzjoni u l-awtonomija regolatorja ta' kull naħa; kif ukoll
- modernizzazzjoni tar-regoli dwar il-kummerċ internazzjonali, inkluż f'oqsma bħall-iżvilupp sostenibbli, il-għieda kontra l-korruzzjoni, aspetti relatati mal-kummerċ u l-investiment fl-enerġija u l-materja prima.

Il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) mal-Kanada huwa l-aktar FTA komplessiv li sal-lum. Is-CETA huwa ftehim innovattiv li jipprovdi għal liberalizzazzjoni ambizzjuża tal-kummerċ u l-investiment. Dan se jgħallq opportunitajiet ekonomiċi sinifikanti għall-kumpaniji Ewropej, il-konsumaturi u l-pubbliku ġenerali u jippromwovi l-istandards tal-UE. Huwa jinkludi impenji mingħajr preċedent mill-Kanada dwar l-akkwist pubbliku u l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

Il-Kummissjoni se:

- bil-għan li jiġi konkluż ftehim TTIP ambizzjuż, komprensiv u ta' benefiċċju reċiproku, fost l-aqwa għaxar prijoritajiet għal dan il-mandat. kif ukoll
- tissottometti ċ-CETA lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni kemm jista' jkun kmieni fl-2016.

5.2.2. Impenn strateġiku fir-reġjun tal-Asja u l-Paċifiku

Dan ir-reġjun huwa kruċjali għall-interessi ekonomiċi Ewropej. L-UE diġà stabbilixxiet l-impronta tagħha fl-Asja bi ftehim ambizzjuż mal-Korea t'Isfel; strateġija ASEAN bbażata fuq ftehimiet individwali bħala komponenti lejn qafas bejn reġjun u ieħor UE-ASEAN; in-negozjati FTA mal-Ġappun; u n-negozjati ta' investiment li għaddejjin maċ-Ċina u l-Myanmar. Din l-Istrateġija tal-Asja se teħtieġ li tiġi segwita, konsolidata u mtejbha matul il-ftit snin li ġejjin.

Il-konklużjoni tal-FTA bejn l-UE u l-Ġappun hi prijorità strateġika, li għandha twassal mhux biss għal żieda fil-kummerċ u l-investiment bilaterali, iżda wkoll għal integrazzjoni ekonomika akbar, kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-azjendi Ġappuniżi, u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Ġappun f'korpi regolatorji u ta' standardizzazzjoni internazzjonali.

L-UE hija impenjata li tapprofondixxi u tibbilanċja mill-ġdid ir-relazzjoni tagħha maċ-Ċina b'mod ta' benefiċċju reċiproku. In-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar ftehim ta' investiment bilaterali huma l-ogħla

prijorità lejn dan l-oġġettiv. It-tlestija ta' dan il-ftehim se tappoġġja r-riformi taċ-Ċina u tiffaċilita l-parteċipazzjoni taċ-Ċina fil-pjan ta' investiment għall-Ewropa tal-Kummissjoni kif ukoll il-parteċipazzjoni Ewropea fil-proġetti taċ-Ċina "Belt waħda, triq waħda". Iż-żewġ naħat se jibbenefikaw ukoll mill-konklużjoni ta' ftehim bilaterali li jieħdu passi ġenwini lejn il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiki fl-oġġla livell stabbilit fl-istandards internazzjonali. Iċ-Ċina ssuġġeriet approfondiment ulterjuri tar-relazzjoni permezz ta' FTA, iżda l-UE ser tkun lesta timpenja ruħha fi proċess bħal dan ladarba jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet it-tajba, kif espress fl-aġenda strateġika 2020 bejn l-UE-Ċina għall-kooperazzjoni. Dawn il-kundizzjonijiet huma marbuta wkoll mal-implimentazzjoni b'suċċess ta' firxa ta' riformi ekonomiċi domestiċi fiċ-Ċina, billi l-għan ta' FTA jkun neċessarjament li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ekwi reali. Fl-istess ħin, l-UE u ċ-Ċina għandhom isaħħu d-djalogu tagħhom dwar kwistjonijiet ta' kummerċ u investiment reġjonali u multilaterali. L-UE għandha tinkoraġġixxi u tappoġġja r-rwol li qed jikber taċ-Ċina fis-sistema ta' kummerċ multilaterali u f'inizjattivi plurilaterali, inkluż it-TiSA, il-ftehim dwar it-Teknoloġija tal-Infommazzjoni, l-EGA, il-Grupp ta' Ħidma internazzjonali dwar il-Kredit tal-Esportazzjoni u l-GPA, b'mod li bih iċ-Ċina ssaħħa l-ambizzjoni ta' dawn l-inizjattivi u terfa' responsabbiltajiet f'konformità mal-benefiċċji li hija tisset minn sistema ta' kummerċ miftuħ.

Tħaddim f'ambjent dejjem aktar integrat tal-katina tal-provvista reġjonali, l-investituri tal-UE fl-Asja tal-Lvant se jibbenefikaw minn netwerk iktar wiesa' ta' ftehimiet ta' investiment fir-reġjun. Filwaqt li tibni fuq id-dispożizzjonijiet tal-investiment li qed jiġu nnegozjati maċ-Ċina u l-Ġappun u li se jkun nnegozjati mal-Korea, l-UE ser tesplora l-possibbiltà t-tneġġja ta' negozjati ta' investiment ma' Hong Kong u t-Tajwan³⁸.

Il-FTA bejn l-UE u l-Korea t'Isfel huwa l-aktar wieħed ambizzjuż li qatt ġie nnegozjat mill-UE. Huwa stabbilixxa b'mod ċar il-kredibbiltà tal-impenn tal-UE lejn l-Asja, filwaqt li fetiħ is-suq tal-Asja tal-Lvant li tant qed jikber malajr għall-esportazzjoni mill-UE. Madankollu, il-ftehim ma jkoprix il-protezzjoni tal-investiment hekk kif kienet innegozjata qabel ma l-UE kisbet din il-kompetenza wara t-Trattat ta' Lisbona. It-tagħlimiet miksuba mill-implimentazzjoni tal-ftehim jissuġġerixxu wkoll li xi dispożizzjonijiet jistgħu jiġu aġġustati biex jitejjeb il-funzjonament tiegħu. Iż-żewġ kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati b'mod parallel f'reviżjoni tal-ftehim.

Fix-Xlokk tal-Asja, b'segwitu għall-ftehim ma' Singapore, il-konklużjoni ta' negozjati mal-Vjetnam stabbiliet it-tieni parametru referenzjarju għal kooperazzjoni ma' sħab oħra. L-UE tibqa' impenjata biex jergħu jinbdeu in-negozjati mal-Malasja; u mat-Tajlandja meta l-kundizzjonijiet jkun tajba biex jagħmlu dan; biex tikkonkludi negozjati ta' investiment mal-Myanmar; u biex tiftaħ in-negozjati tal-FTA, meta xieraq, mal-Filippini u l-Indoneżja. Fil-livell reġjonali, il-Kummissjoni u l-pajjiżi tal-ASEAN dalwaqt se jkollhom laqgħa ta' rendikont biex jirrevedu l-progress f'integrazzjoni tal-ASEAN, l-istatus ta' FTA bilaterali bejn l-UE u l-membri tal-ASEAN, u kif dawn l-inizjattivi jistgħu jservu bħala elementi bażiċi għal ftehim dwar il-kummerċ u l-investiment bejn reġjun u ieħor.

Eżitu ambizzjuż tal-FTA mal-Indja jista' jkollu opportunitajiet ġodda ta' kummerċ f'suq ikkombinat ta' aktar minn 1,7 biljun persuna. Il-Kummissjoni tibqa' lesta li tissokta n-negozjati għal FTA komprensiva u ambizzjuża.

L-Awstralja u n-New Zealand huma sħab mill-qrib tal-Ewropa, is-sehem tal-valuri tal-Ewropa u fehmiet dwar bosta kwistjonijiet, u jaqdu rwol importanti fir-reġjun tal-Asja u l-Paċifiku u f'ambitu multilaterali. Rabtiet ekonomiċi aktar qawwija ma' dawn il-pajjiżi se jipprovdu wkoll pjattaforma solida għal integrazzjoni aktar profonda b'katini ta' valur usa' tal-Asja-Paċifiku. It-tisħiħ ta' dawn ir-relazzjonijiet għandu jkun prijorità.

Wara l-ftehim dwar il-programm nukleari tal-Iran, l-UE se tevalwa fi żmien xieraq il-possibbiltà ta' approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, l-ewwel nett permezz tal-Iran fid-WTO. Il-Kummissjoni tibqa' lesta biex tiffinalizza n-negozjati tal-FTA mal-pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf.

³⁸ It-Territorju Separat doganali tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu

Il-Kummissjoni se:

- titlob awtorizzazzjoni biex tinnegozja FTA mal-Awstralja u New Zealand, b'kont meħud ta' sensitivitajiet agrikoli tal-UE;
- taħdem biex jerġgħu jinbnew mill-ġdid negozjati għal FTA ambizzjuż bejn reġjun u ieħor mal-ASEAN, billi jibnu fuq ftehimiet bilaterali bejn l-UE u l-membri tal-ASEAN;
- tesplora t-tnedija ta' negozjati dwar l-investiment mal-Korea t'Isfel fil-kuntest ta' reviżjoni possibbli tal-FTA; kif ukoll
- tikkonkludi negozjati ta' ftehim ta' investiment li attwalment għadejjin ma' Ċina u tesplora t-tnedija ta' negozjati ta' investiment ma' Hong Kong u t-Tajwan.

5.2.3. Relazzjoni definita mill-ġdid mal-Afrika

It-trasformazzjoni kontinwa tal-Afrika se jkollha impatt sinifikanti fuq id-dinja. Ir-riskji huma għoljin kemm f'termini tal-qerda tal-faqar u opportunitajiet ekonomiċi ġodda. L-Afrika ilha l-kontinent li qed jikber bl-aktar rata mgħaġġla tul dan l-aħħar deċenju. Madankollu, l-isfida ewlenija hija sabiex it-tkabbir isir sostenibbli. Dan jimplika aġenda effikaċi għat-trasformazzjoni ekonomika u l-industrijalizzazzjoni. Il-kummerċ u l-investiment se jkunu strumentali fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi. L-Afrika għadha ssofri minn swieq frammentati ħafna b'ostakli għolja bejn il-pajjiżi. Hemm każ qawwi biex tiġi promossa l-integrazzjoni reġjonali u l-ħolqien ta' ċentri li jibbenefikaw reġjun sħiħ.

Ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Afrika dahl u f'fażi ġdida fl-2014 bil-konklużjoni ta' tliet FSE reġjonali (Ftehim ta' Sħubija Ekonomika) li jinvolvu 27 pajjiż Afrikan tal-Punent, tan-Nofsinhar u tal-Lvant. Huwa stabbilixxa sħubija dinamika ġdida bejn iż-żewġ kontinenti, u witta t-triq għal kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-futur. L-FSE jappoġġja wkoll l-integrazzjoni reġjonali tal-Afrika u jħejji t-triq għal sforzi ta' integrazzjoni tal-Afrika usa'.

It-twettiq tal-wegħda ta' dawn il-ftehimiet jkun żvilupp kbir għas-snin li ġejjin. Għandna ħafna sfidi quddiemna, inkluż l-iżguraw li jilħqu l-potenzjal tagħhom f'termini ta' żvilupp. L-EPAs jistgħu jgħinu jagħmlu l-ambjent kummerċjali iktar prevedibbli u trasparenti imma ħafna se jkun jiddependi fuq riformi domestiċi. Dan jinsab f'idejn il-pajjiżi Afrikani, iżda l-UE hija lesta li tkompli tappoġġahom. L-għajnuna għall-iżvilupp disponibbli tista' ssaħħaħ il-kapaċità u ttozzimizza l-kundizzjonijiet biex il-pajjiżi Afrikani jaħsdu l-benefiċċji ta' implimentazzjoni tal-FSE effettiva, b'mod li huwa konsistenti mal-istrateġiji ta' żvilupp tagħhom stess.

B'ħarsa 'l quddiem, l-EPAs huma wkoll pont lejn il-ġejjieni. L-EPAs attwali fil-biċċa l-kbira tagħhom ikopru l-kummerċ f'oġġetti biss. Hemm raġunijiet sodi biex l-FSE jiġu estiżi progressivament għal oqsma oħra bħas-servizzi u l-investiment. L-iffaċilitar u l-ħarsien tal-investiment se jkunu fundamentali bħala l-pass li jmiss biex jappoġġaw it-tkabbir fil-kontinent.

Il-Kummissjoni se:

- taħdem ma' sħab Afrikani biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-FSE permezz tal-ħolqien ta' istituzzjonijiet, l-istrutturi u l-mekkaniżmi b'saħħithom (inkluż sħubija mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u s-soċjetà ċivili), li jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tar-riformi dwar l-istat tad-dritt u l-governanza tajba;
- tkompli tappoġġa l-integrazzjoni reġjonali u toffri bini tal-kapaċitajiet iddedikata permezz ta' "Għajnuna għall-kummerċ";
- issaħħaħ ir-relazzjonijiet ma' daww l-imsieħba Afrikani li huma lesti biex jibnu fuq l-EPAs, billi jużaw, b'mod partikolari, klawsoli ta' reviżjoni dwar is-servizzi u l-investiment;
- tikkunsidra ftehimiet bilaterali ta' investiment ma' ekonomiji Afrikani prinċipali bbażati fuq il-kriterji ekonomiċi u l-qafas legali eżistenti għal investiment barrani; kif ukoll
- tiżviluppa prinċipji dwar l-investiment flimkien mal-Unjoni Afrikana jew mal-komunitajiet ekonomiċi reġjonali.

5.2.4. Aġenda wiesgħa u ambizzjuża mal-Amerika Latina u l-Karibew

L-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew huma sħab kummerċjali u ta' investiment dejjiema. Ftehimiet kummerċjali preferenzjali ġew konklużi ma' 26 mit-33 pajjiż tal-Amerika Latina u tal-Karibew. Il-kumpaniji tal-UE għadhom l-ikbar investituri fl-Amerika Latina b'portafoll li jaqbeż investiment tal-UE f'reġjuni oħra.

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Karibew u l-FTA mal-Perù, il-Kolombja, l-Ekwador u l-Amerika Ċentrali qed joħlqu dinamiki ġodda għall-kummerċ u l-investiment u għall-promozzjoni ta' aġenda kondiviża dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni reġjonali. Negożjati għal FTA bejn l-UE u l-Messiku qabel l-2001 kienu ta' benefiċċju reċiproku iżda issa skadew. Dan huwa ż-żmien it-tajjeb biex jibdew in-negożjati dwar il-modernizzazzjoni tal-Ftehim Globali bejn l-UE u l-Messiku u jinħasdu l-benefiċċji mhux sfruttati kollha għall-ekonomiji tagħna. Il-Kummissjoni qed tevalwa wkoll il-potenzjal ta' modernizzazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni maċ-Ċili. L-UE u l-Mercosur ilhom jinnegożjaw FTA sa mill-2000. L-UE tikkonferma mill-ġdid l-impenn tagħha għal FTA mal-Mercosur wiesgħa u komprensiv li jieħu kont tar-realtajiet ekonomiċi fir-reġjun; li għandhom l-għan li jeliminaw l-ostakli u t-tisħiħ tal-kummerċ.

Il-Kummissjoni se:

- tkompli n-negożjati għal FTA ambizzjuż, bilanċjat u komprensiv mal-Mercosur
- titlob li direttivi tan-negożjati għal FTA jiġu mmodernizzati mal-Messiku u ċ-Ċili wara t-tlestija tal-eżerċizzju ta' identifikazzjoni. Dawn il-ftehimiet għandhom ikunu komparabbli għal, u kompatibbli, mal-FTA mal-Kanada u mal-ftehim fil-futur mal-Kanada u l-Istati Uniti; kif ukoll
- tkun lesta li tikkunsidra ftehim tal-investiment ma' pajjiżi ewlenin tal-Amerika Latina, fejn l-UE għandha investiment sinifikanti fi stokkijiet, u biex tiżviluppa, bħala l-ewwel pass, prinċipji tal-liġi mhux vinkolanti fuq l-investiment.

5.2.5. Sħubija mill-qrib mat-Turkija

It-Turkija hija l-eqreb ekonomija emerġenti għall-UE u attur reġjonali ewleni iżda r-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment hija subottimali. Mill-31 ta' Diċembru 1995, l-UE u t-Turkija huma magħquda permezz ta' unjoni doganali. Kif inhi bħalissa, l-Unjoni Doganali tkopri biss prodotti industrijali u hija nieqsa minn mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim. Unjoni Doganali modernizzata għandha tirrilaxxa potenzjal ekonomiku mhux sfruttat ta' oqsma bħas-servizzi, l-agrikoltura u l-akkwist pubbliku mill-gvern. Riforma tal-Unjoni Doganali tista' twitti t-triq ukoll għall-assoċjar tat-Turkija ma' FTA tal-UE fil-futur.

Il-Kummissjoni se tiżviluppa qafas ġdid, aktar ambizzjuż mat-Turkija, bl-aġġornament tal-unjoni doganali.

5.2.6. L-istabbiltà u l-prospertà fil-viċinat tal-UE

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat hija attwalment taħt rieżami fid-dawl tal-iżviluppi ewlenin ta' dawn l-aħħar snin. Fil-Lvant, l-enfasi se tkun fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' FTA profondi u komprensivi (AAs/DCFTAs) mal-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia, li twassal għal integrazzjoni gradwali tas-suq. Il-Kummissjoni se tikkooopera mill-qrib mat-tliet pajjiżi sabiex jiġu mmassimizzati r-riżultati ekonomiċi tanġibbli ta' dawn il-ftehimiet ambizzjużi. Fin-Nofsinhar, l-għan huwa li jiġi konkluż DCFTA mal-Marokk u t-Tuneżija.

Filwaqt li l-Kummissjoni tibqa' lesta biex tesplora l-opzjoni l-AA/DCFTA ma' sħab ġirien, partikolarment il-Ġordan, hija tirrikonoxxi li integrazzjoni aktar mill-qrib mal-UE mhux għal kulħadd. Il-Kummissjoni għalhekk se teżamina metodi oħrajn imfassla apposta ta' tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħna ma' sħab ġirien oħra fuq il-bażi ta' interess reċiproku. B'mod parallel, u bil-għan li tittejjeb l-integrazzjoni reġjonali tal-kummerċ mal-UE u fost il-ġirien tagħha, hemm ħtieġa li jitħaffu n-negożjati li għaddejjin bħalissa fil-qafas ta' konvenzjoni reġjonali unika dwar regoli ta' orġini PanEwroMed bil-għan li timmodernizza u tissimplifika dawn ir-regoli.

Il-Kummissjoni se:

- timplimenta b'mod effettiv l-AA/DCFTAs mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna;
- timmira li tikkonkludi DCFTAs mal-Marokk u t-Tuneżija; kif ukoll

- tfittex li tikkonkludi n-negozjati li għaddejjin biex timmodernizza u tissimplifika r-regoli ta' orġini PanEwroMed taħt konvenzjoni reġjonali unika dwar regoli ta' orġini PanEwroMed.

5.2.7. Relazzjoni ta' sfida mar-Russja

L-interess strateġiku tal-UE jibqa' li tikseb rabtiet ekonomiċi eqreb mar-Russja. Il-prospetti għal dan, madankollu, se jiġu ddeterminati l-iżjed permezz ta' politika domestika u barranija tar-Russja, li s'issa ma tagħti l-ebda sinjal ta' tibdil neċessarju. Għandu jkun hemm riflessjoni fuq l-iżviluppi fi ħdan l-Unjoni Ekonomika Ewro-Asjatika.

Konklużjoni

Il-kummerċ mhuwiex għan fih innifsu. Huwa għodda li tkun ta' benefiċċju għan-nies. L-għan tal-politika tal-kummerċ tal-UE huwa li tagħmel l-aħjar użu minn dawn il-benefiċċji.

Dan ifisser li jiġi żgurat li l-politika tal-kummerċ u tal-investiment hija effettiva. Din għandha tindirizza kwistjonijiet reali bbażati fuq fehim aġġornat tal-fatt li l-ekonomija dinjija hija strettament marbuta permezz ta' katini ta' valur globali, li s-servizzi — inklużi daww li jirrikjedu lill-fornituri biex jaqsmu l-fruntieri - huma dejjem aktar importanti; u li r-rivoluzzjoni diġitali qed tbiddel l-ekonomija internazzjonali. Il-ftehimiet ta' negozju għandhom jittrattaw l-ostakli li jiffaċċjaw il-kumpaniji fl-ekonomija globali tal-lum. Huma għandhom ukoll ikunu implimentati b'mod effettiv u infurzati, inkluż għal kumpaniji żgħira u ta' daqs medju.

Il-politika ta' negozju u ta' investiment għandha tiegħu responsabbiltà indaqs għall-appoġġ u l-promozzjoni tal-valuri u l-istandards tal-UE. L-UE għandha timpenja ruħha mas-shabbiex tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ambjent, tas-saħħa u tal-konsumatur, tappoġġa l-iżvilupp u tagħti sehemha biex tinqered il-korruzzjoni. Barra minn hekk, il-politiki ewlenin għall-futur tal-integrazzjoni tal-Ewropa fl-ekonomija dinjija, bħall-investiment u l-kooperazzjoni regolatorja, iridu jappoġġaw, mhux ixejnklu, l-oġġettivi usa' tal-UE li ttiproteġi lin-nies u lill-pjaneta. Kull tibdil għal-livell ta' protezzjoni marbuta jista' jkun biss 'il fuq;

Fattur essenzjali biex jiġu sodisfatti dawn l-oġġettivi kollha hija politika kummerċjali li tibqa' ambizzjuża fl-isforzi tagħha biex tfassal il-globalizzazzjoni. In-negozju jibbenefika l-aktar l-persuni meta jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi. Dan ifisser azzjoni li ssostni s-sistema multilaterali inkorporata fid-WTO u strateġija mmirata għal kummerċ bilaterali u reġjonali u l-ftehimiet ta' investiment.

L-UE tista' biss tilħaq dawn l-għanijiet jekk titkellem b'vuċi waħda u tiżgura li l-Istati Membri kollha tal-UE, in-nies u l-kumpaniji jkunu trattati bl-istess mod. Trid tkun koerenti fl-oqsma kollha ta' politika. Dawn il-prinċipji tal-unità u l-koerenza għandhom jservu ta' xogħol ta' kuljum hekk kif il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Kunsill u l-Parlament, tfittex li timplimenta din il-Komunikazzjoni fis-snin li ġejjin.